II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/398

**tat-13 ta' Marzu 2020**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) u (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill, l-informazzjoni li tikkonċerna 161 persuna u 11-il entità fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li tiġi emendata u l-entrati għal żewġ persuni mejtin jenħtieġ li jitħassru.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2020.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. METELKO-ZGOMBIĆ

*ANNESS*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin huma mħassra:

"13. Evgeni Viktorovich BUSHMIN

31. Valery Kirillovich MEDVEDEV";

(2) l-entrati li jikkonċernaw il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

**"Persuni**

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Sergey Valeryevich AKSYONOV<br>Sergei Valerievich AKSENOV (Сергей Валерьевич АКСЁНОВ)<br>Serhiy Valeriyovych AKSYONOV (Сергій Валерійович АКСЬОНОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 26.11.1972<br>Post tat-Twelid: Beltsy (Bălți), SSR tal-Moldova (issa r-Repubblika tal-Moldova) | Aksyonov ġie elett "Prim Ministru tal-Krimea" fil-Verkhovna Rada tal-Krimea fis-27 ta' Frar 2014 fil-preżenza ta' persuni armati li jappoġġaw lir-Russja. L-"elezzjoni" tiegħu ġiet iddikjarata li tmur kontra l-kostituzzjoni mill-aġent President Ukren Oleksandr Turchynov fl-1 ta' Marzu 2014. Huwa għamel pressjoni attiva favur ir-"referendum" tas-16 ta' Marzu 2014 u kien wieħed mill-kofirmatarji tat-"trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa" tat-18 ta' Marzu 2014. Fid-9 ta' April 2014 huwa nħatar aġent "Kap" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" mill-President Putin. Fid-9 ta' Ottubru 2014, huwa ġie "elett" formalment bħala l-"Kap" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". "Elett mill-ġdid" f'din il-pożizzjoni f'Settembru 2019.<br>Membru tal-Kunsill tal-Istat tar-Russja. Minn Jannar 2017 'l hawn, membru tal-Kunsill Għoli tal-Partit Russja Magħquda.<br>Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' "Mertu lejn il-Patrija"— l-ewwel grad. | 17.3.2014 |
| 2. | Vladimir Andreevich KONSTANTINOV<br>(Владимир Андреевич КОНСТАНТИНОВ)<br>Volodymyr Andriyovych KONSTANTINOV<br>(Володимир Андрійович КОНСТАНТІНОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 19.11.1956<br>Post tat-Twelid: Vladimirovka (magħruf ukoll bħala Vladimirovca), Reġjun ta' Slobozia, SSR tal-Moldova (issa r-Repubblika tal-Moldova) jew Bogomol, SSR tal-Moldova (issa r-Repubblika tal-Moldova) | Bħala speaker tal-Kunsill Suprem tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea", Konstantinov kellu rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet meħuda mill-"Kunsill Suprem" rigward ir-"referendum" kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna u appella lill-votanti biex jivvutaw favur l-indipendenza tal-Krimea fir-"referendum" tas-16 ta' Marzu 2014. Kien wieħed mill-kofirmatarji tat-"trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa" tat-18 ta' Marzu 2014.<br>Mis-17 ta' Marzu 2014 'l hawn, "President" tal-"Kunsill tal-Istat" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". "Elett mill-ġdid" f'din il-pożizzjoni f'Settembru 2019. | 17.3.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 3. | Rustam Ilmirovich TEMIRGALIEV<br>(Рустам Ильмирович ТЕМИРГАЛИЕВ)<br>Rustam Ilmyrovych TEMIRHALIIEV<br>(Рустам Ільмирович ТЕМІРГАЛІЄВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 15.8.1976<br>Post tat-Twelid: Ulan-Ude, Buryat ASSR (SFSR tar-Russja) (issa l-Federazzjoni Russa) | Meta kien Viċi Prim Ministru tal-Krimea, Temirgaliev qeda rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet meħuda mill-"Kunsill Suprem" rigward ir-"referendum" tas-16 ta' Marzu 2014 kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Huwa għamel pressjoni attiva favur l-integrazzjoni tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.<br>Fil-11 ta' Ġunju 2014 huwa rriżenja mill-funzjoni tiegħu bħala "L-Ewwel Viċi Prim Ministru" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Attwalment id-Direttur Ġenerali tal-Kumpannija Maniġerjali tal-Fond ta' Investiment Russu-Ċiniż għall-Iżvilupp Reġjonali.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 17.3.2014 |
| 4. | Denis Valentinovich BEREZOVSKIY<br>(Денис Валентинович БЕРЕЗОВСКИЙ)<br>Denys Valentynovych BEREZOVSKYY<br>(Денис Валентинович БЕРЕЗОВСЬКИЙ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 15.7.1974<br>Post tat-Twelid: Kharkiv, SSR tal-Ukrajna (issa l-Ukrajna) | Berezovskiy inħatar kmandant tal-Forza Navali tal-Ukrajna fl-1 ta' Marzu 2014 iżda wara dan ħa l-ġurament quddiem il-forzi armati tal-Krimea, biex b'hekk kiser il-ġurament tiegħu lill-Forza Navali tal-Ukrajna.<br>Kien Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed tal-Federazzjoni Russa sa Ottubru 2015.<br>Attwalment Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Paċifiku tal-Federazzjoni Russa. | 17.3.2014 |
| 5. | Aleksei Mikhailovich CHALIY<br>(Алексей Михайлович ЧАЛЫЙ)<br>Oleksiy Mykhaylovych CHALYY<br>(Олексій Михайлович ЧАЛИЙ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 13.6.1961<br>Post tat-Twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa jew Sevastopol, l-Ukrajna | Chaliy sar "Sindku tal-Poplu ta' Sevastopol" b'nomina mill-poplu fit-23 ta' Frar 2014 u aċċetta dan il-"vot". Huwa mexxa kampanja b'mod attiv biex Sevastopol issir entità separata tal-Federazzjoni Russa b'segwitu għal referendum tas-16 ta' Marzu 2014. Kien wieħed mill-kofirmatarji tat-"trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa" tat-18 ta' Marzu 2014. Huwa kien aġent "gvernatur" ta' Sevastopol mill-1 sal-14 ta' April 2014 u kien President "elett" tal-'Assemblea Leġislattiva' tal-Belt ta' Sevastopol. Eks membru tal- "Assemblea Leġislattiva" tal-Belt ta' Sevastopol (sa Settembru 2019).<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.<br>Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' "Mertu lejn il-Patrija"— L-ewwel grad. | 17.3.2014 |
| 6. | Pyotr Anatoliyovych ZIMA<br>(Пётр Анатольевич ЗИМА)<br>Petro Anatoliyovych ZYMA<br>(Петро Анатолійович ЗИМА) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 18.1.1970 jew 29.3.1965<br>Post tat-Twelid: Artemivsk (Артемовск) (fl-2016 reġa' ħa l- | Zima nħatar bħala l-kap il-ġdid tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Krimea (SBU) fit-3 ta' Marzu 2014 mill-"Prim Ministru" Aksyonov u aċċetta din il-ħatra. Hu ta informazzjoni rilevanti inkluż bażi tad-data lis-Servizz tal-Intelligence Russu (FSB). Din kienet tinkludi informazzjoni dwar attivisti Ewro-Majdan u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-Krimea. Huwa kellu rwol rilevanti biex jiġi evitat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna jkollhom kontroll tat-territorju tal-Krimea. Fil-11 ta' Marzu | 17.3.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | isem ta' Bakhmut/Бахмут), Donetsk Oblast, l-Ukrajna | 2014, il-formazzjoni ta' Servizz ta' Sigurtà indipendenti tal-Krimea ġiet proklamata minn eks uffiċjali tas-SBU tal-Krimea. Attiv mill-2015 fis-Servizz tal-Intelligence Russu (FSB). | |
| 8. | Sergey Pavlovych TSEKOV<br>(Сергей Павлович ЦЕКОВ)<br>Serhiy Pavlovych TSEKOV<br>(Сергій Павлович ЦЕКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 28.9.1953 jew 28.8.1953<br>Post tat-Twelid: Simferopol, l-Ukrajna | Bħala Viċi Speaker tar-Rada Verkhovna tal-Krimea, Tsekov beda, flimkien ma' Sergey Aksyonov, it-tneħħija illegali tal-gvern tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" (ARC). Huwa involva lil Vladimir Konstantinov f'dan it-tentattiv, waqt li heddu bit-tkeċċija tiegħu. Huwa rrikonoxxa pubblikament li l-Membri Parlamentari mill-Krimea kienu dawk li bdew jistiednu lis-suldati Russi biex jieħdu taħt il-kontroll tagħhom lill-Verkhovna Rada tal-Krimea. Huwa kien wieħed mill-ewwel Mexxejja tal-Krimea li talab fil-pubbliku li l-Krimea tiġi annessa mar-Russja.<br>Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" mill-2014, maħtur mill-ġdid f'Settembru 2019. | 17.3.2014 |
| 9. | Viktor Alekseevich OZEROV<br>(Виктор Алексеевич Озеров) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 5.1.1958<br>Post tat-Twelid: Abakan, Khakassia, il-Federazzjoni Russa | Eks President tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa.<br>Fl-1 ta' Marzu 2014, Ozerov, f'isem il-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża tal-Kunsill Federali, appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna.<br>F'Lulju 2017, huwa ppreżenta r-riżenja tiegħu bħala President tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża. Huwa baqa' membru tal-Kunsill u huwa membru tal-Kumitat dwar ir-regolamentazzjoni interna u l-affarijiet parlamentari.<br>Fl-10 ta' Ottubru 2017, permezz tad-digriet N 372-SF, Ozerov ġie inkluż fil-kummissjoni temporanja tal-Kunsill Federali dwar il-protezzjoni tas-sovranità tal-istat u għall-prevenzjoni tal-interferenza fl-affarijiet interni tal-Federazzjoni Russa.<br>Il-mandat tiegħu fil-Kunsill Federali skada f'Settembru 2019. Konsulent tal-Fondazzjoni Rospolititika minn Ottubru 2019. | 17.3.2014 |
| 10. | Vladimir Michailovich DZHABAROV<br>(Владимир Михайлович ДЖАБАРОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 29.9.1952<br>Post tat-Twelid: Samarkand, l-Użbekistan | L-ewwel Viċi President tal-Kumitat tal-Affarijiet Internazzjonali tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa.<br>Fl-1 ta' Marzu 2014 Dzhabarov, f'isem il-Kumitat tal-Affarijiet Internazzjonali tal-Kunsill Federali, appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. | 17.3.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 11. | Andrei Aleksandrovich KLISHAS<br>(Андрей Александрович КЛИШАС) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 9.11.1972<br>Post tat-Twelid: Sverdlovsk (Ekaterinburg), il-Federazzjoni Russa | President tal-Kumitat dwar id-Dritt Kostituzzjonali u l-Bini tal-Istat tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa.<br>Fl-1 ta' Marzu 2014 Klishas appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. F'dikjarazzjonijiet pubbliċi Klishas ipprova jiġġustifika intervent militari Russu fl-Ukrajna billi ddikjara li "l-President tal-Ukrajna jappoġġa l-appell tal-awtoritajiet tal-Krimea lill-President tal-Federazzjoni Russa dwar l-għoti ta' assistenza komprensiva għad-difiża taċ-ċittadini tal-Krimea". | 17.3.2014 |
| 12. | Nikolai Ivanovich RYZHKOV<br>(Николай Иванович РЫЖКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 28.9.1929<br>Post tat-Twelid: Dyleevka, reġjun ta' Donetsk, SSR tal-Ukrajna, issa l-Ukrajna | Membru tal-Kumitat għall-kwistjonijiet federali, politika reġjonali u t-Tramuntana tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa.<br>Fl-1 ta' Marzu 2014 Ryzhkov appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. | 17.3.2014 |
| 14. | Aleksandr Borisovich TOTOONOV<br>(Александр Борисович ТОТООНОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 3.4.1957<br>Post tat-Twelid: Ordzhonikidze (Vladikavkaz), Ossezja tat-Tramuntana, il-Federazzjoni Russa | Eks Membru tal-Kumitat tal-Affarijiet Internazzjonali tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Ir-responsabbiltajiet tiegħu bħala Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni Russa ntemmu f'Settembru 2017.<br>Minn Settembru 2017 huwa l-Ewwel Viċi President tal-Parlament ta' Ossezja tat-Tramuntana.<br>Fl-1 ta' Marzu 2014 Totoonov appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. | 17.3.2014 |
| 16. | Sergei Mikhailovich MIRONOV<br>(Сергей Михайлович МИРОНОв) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 14.2.1953<br>Post tat-Twelid: Pushkin, reġjun ta' Leningrad, il-Federazzjoni Russa | Membru tal-Kunsill tad-Duma tal-Istat; Mexxej tal-fazzjoni Fair Russia fid-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa.<br>Oriġinatur tal-liġi li tippermetti lill-Federazzjoni Russa tinkludi fil-kompożizzjoni tagħha, taħt il-pretest tal-protezzjoni ta' ċittadini Russi, territorji ta' pajjiż barrani mingħajr il-kunsens ta' dak il-pajjiż jew trattat internazzjonali. | 17.3.2014 |
| 17. | Sergei Vladimirovich ZHELEZNYAK<br>(Сергей Владимирович ЖЕЛЕЗНЯК) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 30.7.1970<br>Post tat-Twelid: San Pietruburgu (qabel kien Leningrad), il-Federazzjoni Russa | Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa.<br>Appoġġa b'mod attiv l-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea. Huwa mexxa personalment id-dimostrazzjoni b'appoġġ tal-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna.<br>Eks Viċi President u attwalment membru tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. | 17.3.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 18. | Leonid Eduardovich SLUTSKI<br>(Леонид Эдуардович СЛУЦКИЙ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 4.1.1968<br>Post tat-Twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa | Eks President tal-Kumitat tal-Commonwealth ta' Stati Indipendenti (CIS) tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa (membru tal-LDPR).<br>Appoġġa b'mod attiv l-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea.<br>Bħalissa President tal-Kumitat tal-Affarijiet Barranin tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. | 17.3.2014 |
| 19. | Aleksandr Viktorovich VITKO<br>(Александр Викторович ВИТКО) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 13.9.1961<br>Post tat-Twelid: Vitebsk (SSR tal-Belarussja), issa l-Belarussja | Eks Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Ammirall. Viċi Kap Kmandant tal-Forza Navali Russa.<br>Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovran tal-Ukrajna. | 17.3.2014 |
| 20. | Anatoliy Alekseevich SIDOROV<br>(Анатолий Алексеевич СИДОРОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 2.7.1958<br>Post tat-Twelid: Siva, reġjun ta' Perm, Unjoni Sovjetika (issa l-Federazzjoni Russa) | Eks Kmandant, Distrett Militari tal-Punent tar-Russja, li wħud mill-unitajiet tiegħu huma skjerati fil-Krimea. Huwa kien responsabbli għal parti mill-preżenza militari Russa fil-Krimea li qed tipperikola s-sovranità tal-Ukrajna u assista lill-awtoritajiet tal-Krimea biex iwaqqfudimostrazzjonijiet pubbliċi kontra azzjonijiet favur referendum u l-inkorporazzjoni fir-Russja. Minn Novembru 2015 il-Kap tal-Persunal Konġunt tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar is-Sigurtà Kollettiva (CSTO). | 17.3.2014 |
| 21. | Aleksandr Viktorovich GALKIN<br>(Александр Викторович ГАЛКИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 22.3.1958<br>Post tat-Twelid: Ordzhonikidze (Vladikavkaz), ASSR tat-Tramuntana ta' Ossezja, USSR (issa l-Federazzjoni Russa) | Eks-Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar tar-Russja ("SMD"), li l-forzi tiegħu jinsabu fil-Krimea; il-Flotta tal-Baħar l-Iswed hija taħt il-kmand ta' Galkin; ħafna mill-moviment tal-forza fil-Krimea seħħ minn ġewwa l-SMD.<br>Il-forzi tal-SMD huma skjerati fil-Krimea. Huwa responsabbli għal parti mill-preżenza militari Russa fil-Krimea li qed tipperikola s-sovranità tal-Ukrajna u assista lill-awtoritajiet tal-Krimea fl-impediment ta' dimostrazzjonijiet pubbliċi kontra azzjonijiet lejn referendum u l-inkorporazzjoni fir-Russja. Barra minn hekk, il-Flotta tal-Baħar l-Iswed taqa' taħt il-kontroll tad-Distrett.<br>Bħalissa impjegat mill-Apparat Ċentrali tal-Ministeru għad-Difiża Russu. Assistent tal-Ministru għad-Difiża mid-19 ta' Jannar 2017 'l hawn. | 17.3.2014 |
| 22. | Dmitry Olegovich ROGOZIN<br>(Дмитрий Олегович РОГОЗИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 21.12.1963<br>Post tat-Twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa | Eks Viċi Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea.<br>Mill-2018 jokkupa l-kariga ta' Direttur Ġenerali f'korporazzjoni tal-Istat. | 21.3.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 23. | Sergey Yurievich GLAZYEV<br>(Сергей Юрьевич ГЛАЗЬЕВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 1.1.1961<br>Post tat-Twelid: Zaporozhye, (SSR tal-Ukrajna), issa l-Ukrajna | Eks konsulent tal-President tal-Federazzjoni Russa. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea.<br>Minn Ottubru 2019 Ministru għall-Integrazzjoni u l-Makroekonomija fil-Kummissjoni Ekonomika Ewrasjatika. | 21.3.2014 |
| 24. | Valentina Ivanova MATVIYENKO (mwielda TYUTINA)<br>(Валентина Ивановна МАТВИЕНКО (born ТЮТИНА)) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 7.4.1949,<br>Post tat-Twelid: Reġjun ta' Shepetovka, Khmelnitsky (Kamenets-Podolsky) (SSR tal-Ukrajna), issa l-Ukrajna | Speaker tal-Kunsill Federali. Fl-1 ta' Marzu 2014, appoġġat pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. | 21.3.2014 |
| 25. | Sergei Evgenevich NARYSHKIN<br>(Сергей Евгеньевич НАРЫШКИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 27.10.1954<br>Post tat-Twelid: San Pietruburgu (qabel kien Leningrad), il-Federazzjoni Russa | Eks Speaker tad-Duma tal-Istat. Appoġġa pubblikament l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Appoġġa pubblikament it-trattat ta' riunifikazzjoni tar-Russja u l-Krimea u l-liġi kostituzzjonali federali relatata.<br>Bħalissa Direttur tas-Servizz tal-Intelligence Estera tal-Federazzjoni Russa sa minn Ottubru 2016. Membru permanenti u Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. | 21.3.2014 |
| 26. | Dmitry Konstantinovich KISELYOV<br>Dmitrii Konstantinovich KISELEV<br>(Дмитрий Константинович КИСЕЛЁВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 26.4.1954<br>Post tat-Twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa | Maħtur b'Digriet Presidenzjali fid-9 ta' Diċembru 2013 bħala Kap tal-aġenzija tal-aħbarijiet "Rossiya Segodnya" tal-Istat Federali Russu.<br>Figura ċentrali tal-propaganda tal-gvern li tappoġġa l-mobilizzazzjoni ta' forzi Russi fl-Ukrajna. | 21.3.2014 |
| 27. | Alexander Mihailovich NOSATOV<br>(Александр Михайлович НОСАТОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 27.3.1963<br>Post tat-Twelid: Sevastopol, (SSR tal-Ukrajna), l-Ukrajna | Eks Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Viċi Ammirall.<br>Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovran tal-Ukrajna.<br>Attwalment Ammirall, Kmandant tal-flotta Russa tal-Baltiku. | 21.3.2014 |
| 28. | Valery Vladimirovich KULIKOV<br>(Валерий Владимирович КУЛИКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 1.9.1956<br>Post tat-Twelid: Zaporozhye (Ukrainian SSR), l-Ukrajna | Eks Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Viċi Ammirall.<br>Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovran tal-Ukrajna.<br>Fis-26 ta' Settembru 2017, permezz ta' Digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa, huwa tneħħa minn din il-kariga u mis-servizz militari.<br>Minn Settembru 2017 'l hawn, huwa membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa, fejn jirrappreżenta l-Belt annessa ta' Sevastopol. | 21.3.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 29. | Vladislav Yurievich SURKOV<br>(Владислав Юрьевич СУРКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 21.9.1964,<br>Post tat-Twelid: Solntsevo, ir-reġjun ta' Lipetsk, il-Federazzjoni Russa | Assistent tal-President tal-Federazzjoni Russa. Kien organizzatur tal-proċess fil-Krimea li permezz tiegħu l-komunitajiet lokali tal-Krimea ġew immobilizzati biex jieħdu azzjonijiet li jheddu l-awtoritajiet tal-Ukrajna fil-Krimea. | 21.3.2014 |
| 30. | Mikhail Grigorievich MALYSHEV<br>(Михаил Григорьевич МАЛЫШЕВ)<br>Mykhaylo Hryhorovych MALYSHEV<br>(Михайло Григорович МАЛИШЕВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 10.10.1955<br>Post tat-Twelid: Simferopol, il-Krimea, l-Ukrajna | President tal-Kummissjoni Elettorali tal-Krimea. Responsabbli għall-amministrazzjoni tar-"referendum" tal-Krimea. Responsabbli taħt is-sistema Russa għall-iffirmar tar-riżultati tar-referendum.<br>Fil-kapaċità ta' President tal-Kummissjoni Elettorali tal-Krimea, huwa ħa sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta' Marzu 2018 u l-elezzjonijiet reġjonali u lokali tat-8 ta' Settembru 2019 fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment, u b'hekk appoġġa b'mod attiv u implimenta politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 21.3.2014 |
| 32. | Logutenent Ġenerali Igor Nikolaevich (Mykolayovich) TURCHENYUK<br>(Игорь Николаевич ТУРЧЕНЮК) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 5.12.1959<br>Post tat-Twelid: Osh, SSR tal-Kirgiżistan, issa l-Kyrgyzstan | Eks Kmandant de facto tat-truppi Russi skjerati fuq il-post fil-Krimea, annessa illegalment (li r-Russja għadha ssejjaħ uffiċjalment "milizzji lokali għall-awtodifiża"). Eks Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. Attwalment huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni Pubblika u s-Sigurtà Nazzjonali fl-Akkademja Militari tal-Persunal Ġenerali Russu. | 21.3.2014 |
| 33. | Elena Borisovna MIZULINA (mwielda DMITRIYEVA)<br>(Елена Борисовна МИЗУЛИНА (mwielda ДМИТРИЕВА)) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 9.12.1954<br>Post tat-Twelid: Bui, reġjun ta' Kostroma, il-Federazzjoni Russa | Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat. Oriġinatur u kosponsor ta' proposti leġislattivi reċenti fir-Russja li kienu ser jippermettu li reġjuni ta' pajjiżi oħra jissieħbu mar-Russja mingħajr qbil minn qabel mill-awtoritajiet ċentrali tagħhom.<br>Minn Settembru 2015 'l hawn, Membru tal-Kunsill Federali mir-reġjun Omsk. Bħalissa Viċi President tal-Kumitat tal-Kunsill Federali dwar il-Leġislazzjoni Kostituzzjonali u l-Bini tal-Istat. | 21.3.2014 |
| 34. | Dmitry Nikolayevich KOZAK<br>(Дмитрий Николаевич КОЗАК) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 7.11.1958<br>Post tat-Twelid: Bandurovo, reġjun ta' Kirovovograd, SSR tal-Ukrajna, issa l-Ukrajna<br>Nazzjonalità: Russa | Viċi Prim Ministru. Responsabbli mis-sorveljanza tal-integrazzjoni tar-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. | 29.4.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 35. | Oleg Yevgenyvich BELAVENTSEV<br>(Олег Евгеньевич БЕЛАВЕНЦЕВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 15.9.1949<br>Post tat-Twelid: Moska jew Ostrov, ir-reġjun Pskov, il-Federazzjoni Russa | Eks Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fl-hekk imsejjaħ "Distrett Federali tal-Krimea", responsabbli mill-implimentazzjoni tal-prerogattivi kostituzzjonali tal-Kap tal-Istat Russu fit-territorju tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa. Eks membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà Russu.<br>Eks Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tal-Kawkasu tat-Tramuntana (sa Ġunju 2018).<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 29.4.2014 |
| 36. | Oleg Genrikhovich SAVELYEV<br>(Олег Генрихович САВЕЛЬЕВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 27.10.1965<br>Post tat-Twelid: Leningrad, USSR (issa San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa) | Eks Ministru għall-Affarijiet tal-Krimea. Responsabbli mill-integrazzjoni tar-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.<br>Eks Viċi Kap tal-Persunal tal-Gvern Russu, responsabbli mill-organizzazzjoni tal-ħidma tal-Kummissjoni Governattiva dwar l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea".<br>Eks Kap tal-Persunal tal-Kamra tal-Kontijiet tal-Federazzjoni Russa. Minn Settembru 2019 'l hawn Awditur tal-Kamra tal-Kontijiet tal-Federazzjoni Russa. | 29.4.2014 |
| 37. | Sergei Ivanovich MENYAILO<br>(Сергей Иванович МЕНЯЙЛО) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 22.8.1960<br>Post tat-Twelid: Alagir, SSR Awtonoma tal-Ossezja tat-Tramuntana, RSFSR (issa l-Federazzjoni Russa) | Eks Gvernatur tal-belt Ukrena annessa ta' Sevastopol.<br>Attwalment Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tas-Siberja. Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. | 29.4.2014 |
| 38. | Olga Fedorovna KOVITIDI<br>(Ольга Фёдоровна КОВИТИДИ) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 7.5.1962<br>Post tat-Twelid: Simferopol, SSR tal-Ukrajna (issa l-Ukrajna) | Membru tal-Kunsill Federali Russu mir-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea mill-2014, maħtura mill-ġdid fl-2019. | 29.4.2014 |
| 40. | Sergei Ivanovich NEVEROV<br>(Сергей Иванович НЕВЕРОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 21.12.1961<br>Post tat-Twelid: Tashtagol, USSR (issa l-Federazzjoni Russa) | Viċi President tad-Duma tal-Istat, Russja Unita. Responsabbli mill-introduzzjoni ta' leġislazzjoni biex ir-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea tiġi integrata fil-Federazzjoni Russa. | 29.4.2014 |
| 42. | Valery Vasilevich GERASIMOV<br>(Валерий Васильевич ГЕРАСИМОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 8.9.1955<br>Post tat-Twelid: Kazan, il-Federazzjoni Russa | Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, l-Ewwel Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, Ġeneral tal-Armata. Responsabbli mill-iskjerament massiv ta' truppi Russi tul il-fruntiera mal-Ukrajna u naqas milli jtaffi t-tensjoni tas-sitwazzjoni. | 29.4.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 43. | German PROKOPIV<br>(Герман ПРОКОПИВ)<br>Herman PROKOPIV<br>(Герман ПРОКОПІВ)<br>(magħruf ukoll bħala Li Van Chol, Ли Ван Чоль) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 6.7.1993<br>Post tat-Twelid: Praga, ir-Repubblika Ċeka | Membru attiv tal-"Gwardja ta' Luhansk". Ħa sehem fil-ħtif tal-bini tal-uffiċċju reġjonali tas-Servizz tas-Sigurtà ta' Luhansk.<br>Għadu ġellied militari attiv tal-LNR. | 29.4.2014 |
| 45. | Andrei Evgenevich PURGIN<br>(Андрей Евгеньевич ПУРГИН)<br>Andriy Yevhenovych PURHIN<br>(Андрій Євгенович ПУРГІН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 26.1.1972<br>Post tat-Twelid: Donetsk, l-Ukrajna | Parteċipant attiv u organizzatur ta' azzjonijiet separatisti, koordinatur tal-azzjonijiet tat-"turisti Russi" f'Donetsk. Kofundatur ta' "Inizjattiva Ċivika ta' Donbass għall-Unjoni Ewro-Asjatika". Kien "l-Ewwel Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri". Sal-4 ta' Settembru 2015 kien 'President' tal-'Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'.<br>Fi Frar 2017 tneħħielu l-mandat tiegħu ta' membru tal-"Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" wara deċiżjoni tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu".<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 29.4.2014 |
| 46. | Denys Volodymyrovych PUSHYLIN<br>(Денис Володимирович ПУШИЛІН)<br>Denis Vladimirovich PUSHILIN<br>(Денис Владимирович ПУШИЛИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 9.5.1981<br>Post tat-Twelid: Makiivka (oblast ta' Donetsk), l-Ukrajna | Wieħed mill-mexxejja tar-'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Ħa sehem fil-ħtif u l-okkupazzjoni tal-amministrazzjoni reġjonali f'Donetsk fl-2014. Sal-4 ta' Settembru 2015 kien l-hekk imsejjaħ Viċi President tal-'Kunsill tal-Poplu' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Mill-4 ta' Settembru 2015 kien 'President' tal-'Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. L-hekk imsejjaħ "aġent Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" wara s-7 ta' Settembru 2018. L-hekk imsejjaħ 'Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' wara l-hekk imsejħa elezzjonijiet tal-11 ta' Novembru 2018. | 29.4.2014 |
| 47. | Sergey Gennadevich TSYPLAKOV<br>(Сергей Геннадьевич ЦЫПЛАКОВ)<br>Serhiy Hennadiyovych TSYPLAKOV<br>(Сергій Геннадійович ЦИПЛАКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 1.5.1983<br>Post tat-Twelid: Khartsyzsk, reġjun ta' Donetsk, l-Ukrajna | Wieħed mill-mexxejja tal-organizzazzjoni ideoloġikament radikali, il-"Milizzja Popolari ta' Donbas". Ħa sehem attiv fil-ħtif ta' għadd ta' binjiet tal-Istat fir-reġjun ta' Donetsk.<br>Membru tal-"Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u tal-Kumitat tiegħu dwar il-Politika Barranija, ir-Relazzjonijiet Esterni, il-Politika tal-Informazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni. | 29.4.2014 |
| 48. | Igor Vsevolodovich GIRKIN<br>(Игорь Всеволодович ГИРКИН) (magħruf ukoll bħala Igor STRELKOV, Ihor STRIELKOV) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 17.12.1970<br>Post tat-Twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa | Identifikat bħala persunal tad-Direttorat Prinċipali tal-Intelligence tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (GRU). Kien involut f'inċidenti fi Sloviansk. Kap tal-moviment pubbliku "Novorossia". Il-"Ministru tad-Difiża" ta' qabel tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Organizza, fl-4 ta' Novembru 2016, Mixja Russa f'Moska għan-nazzjonalisti Russi li jappoġġaw is-separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna.<br>Għadu attiv fl-appoġġ tiegħu għall-attività separatista fil-lvant tal-Ukrajna. | 29.4.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 49. | Vyacheslav Viktorovich VOLODIN<br>(Вячеслав Викторович ВОЛОДИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 4.2.1964<br>Post tat-Twelid: Alekseevka, reġjun ta' Saratov, il-Federazzjoni Russa | Kien l-Ewwel Viċi Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali tar-Russja. Responsabbli mis-superviżjoni tal-integrazzjoni politika tar-reġjun Ukren tal-Krimea anness fil-Federazzjoni Russa.<br>Bħalissa Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa mill-5 ta' Ottubru 2016. | 12.5.2014 |
| 50. | Vladimir Anatolievich SHAMANOV<br>(Владимир Анатольевич ШАМАНОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 15.2.1957<br>Post tat-Twelid: Barnaul, il-Federazzjoni Russa | Eks Kmandant tat-Truppi tal-Ajru Russi, Kurunell-Ġenerali. Fil-pożizzjoni ta' awtorità għolja tiegħu, huwa responsabbli mill-iskjerament tal-qawwiet tal-ajru Russi fil-Krimea.<br>Bħalissa President tal-Kumitat ta' Difiża tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. | 12.5.2014 |
| 51. | Vladimir Nikolaevich PLIGIN<br>(Владимир Николаевич ПЛИГИН) | Sess: raġel;<br>Data tat-twelid: 19.5.1960<br>Post tat-Twelid: Ignatovo, Oblast ta' Vologodsk, USSR (issa l-Federazzjoni Russa) | Eks membru tad-Duma tal-Istat u eks President tal-Kumitat tal-Liġi Kostituzzjonali tad-Duma. Responsabbli għall-faċilitazzjoni tal-adozzjoni ta' leġislazzjoni dwar l-annessjoni tal-Krimea u Sevastopol mal-Federazzjoni Russa.<br>Eks Membru tal-Kunsill Suprem tal-partit Russja Magħquda. Konsulent għall-Ispeaker tad-Duma Volodin. | 12.5.2014 |
| 52. | Petr Grigorievich JAROSH<br>(Петр Григорьевич ЯРОШ)<br>Petro Hryhorovych YAROSH (IAROSH)<br>(Петро Григорович ЯРОШ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 30.1.1971<br>Post tat-Twelid: Villaġġ ta' Skvortsovo, reġjun ta' Simferopol, il-Krimea, l-Ukrajna | Eks kap tal-uffiċċju tas-Servizz Federali tal-Migrazzjoni għall-Krimea. Responsabbli għall-ħruġ sistematiku u rapidu ta' passaporti Russi għar-residenti tal-Krimea. | 12.5.2014 |
| 53. | Oleg Grigorievich KOZYURA<br>(Олег Григорьевич КОЗЮРА)<br>Oleh Hryhorovych KOZYURA<br>(Олег Григорович КОЗЮРА) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 30.12.1965 jew 19.12.1962<br>Post tat-Twelid: Simferopol, il-Krimea jew Zaporizhia, l-Ukrajna | Eks Kap tal-uffiċċju tas-Servizz Federali tal-Migrazzjoni għal Sevastopol. Responsabbli għall-ħruġ sistematiku u rapidu ta' passaporti Russi għar-residenti ta' Sevastopol.<br>Minn Ottubru 2016 'l hawn, huwa l-Kap tal-Persunal tal-Assemblea Leġislattiva ta' Sevastopol. | 12.5.2014 |
| 54. | Viacheslav PONOMARIOV,<br>Vyacheslav Volodymyrovich PONOMARYOV<br>(В'ячеслав Володимирович ПОНОМАРЬОВ),<br>Viacheslav Vladimirovich PONOMAREV<br>(Вячеслав Владимирович ПОНОМАРЁв) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 2.5.1965<br>Post tat-Twelid: Sloviansk (oblast ta' Donetsk), l-Ukrajna | L-eks "Sindku tal-Poplu" awtodikjarat ta' Sloviansk (sal-10 ta' Ġunju 2014). Ponomariov appella lil Vladimir Putin biex jibgħat truppi Russi biex jipproteġu l-belt u aktar tard talbu jipprovdi l-armi. In-nies ta' Ponomariov kienu involuti fil-ħtif ta' persuni (huma qabdu lill-attivist Irma Krat u Simon Ostrovsky, ġurnalist għal Vice News, aktar tard dawn it-tnejn inħelsu; huma żammew maqbuda osservaturi militari li kienu qed jaġixxu taħt id-Dokument ta' Vjenna tal-OSKE). Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 12.5.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 55. | Igor Nikolaevich BEZLER (magħruf ukoll bħala. Bes (devil))<br>(Игорь Николаевич БЕЗЛЕР)<br>Ihor Mykolayovych BEZLER<br>(Ігор Миколайович БЕЗЛЕР) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 30.12.1965<br>Post tat-Twelid: Simferopol, il-Krimea, l-Ukrajna | Wieħed mill-eks mexxejja tal-milizzja awtoproklamata ta' Horlivka. Ħa l-kontroll tal-bini tal-Uffiċċju tal-Ukrajna għas-Servizz tas-Sigurtà fir-reġjun ta' Donetsk u wara ħataf l-istazzjon distrettwali tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni fil-belt ta' Horlivka. Għandu rabtiet ma' Igor Strelkov/Girkin li taħt il-kmand tiegħu kien involut fil-qtil ta' Volodymyr Rybak, id-Deputat Popolari tal-Kunsill Muniċipali ta' Horlivka.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 12.5.2014 |
| 56. | Igor Evgenevich KAKIDZYANOV<br>(Игорь Евгеньевич КАКИДЗЯНОВ),<br>Igor Evegenevich KHAKIMZYANOV<br>(Игорь Евгеньевич ХАКИМЗЯНОВ)<br>Ihor Yevhenovych KHAKIMZIANOV (KAKIDZIANOV)<br>(Ігор Євгенович ХАКІМЗЯНОВ (КАКІДЗЯНОВ)) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 25.7.1980<br>Post tat-Twelid: Makiivka (oblast ta' Donetsk), l-Ukrajna | Wieħed mill-eks mexxejja tal-forzi armati tal-awtoproklamata "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". L-għan tal-forzi huwa li "jipproteġu l-poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u l-integrità territorjali tar-repubblika" skont Pushylin, wieħed mill-mexxejja tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 12.5.2014 |
| 57. | Oleg TSARIOV, Oleh Anatoliyovych TSAROV<br>(Олег Анатолійович ЦАРЬОВ)<br>Oleg Anatolevich TSARYOV<br>(Олег Анатольевич ЦАРЁВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 2.6.1970<br>Post tat-Twelid: Dnepropetrovsk (issa Dnipro), l-Ukrajna | Eks Membru tar-Rada, bħala tali appella pubblikament għall-ħolqien tal-ħekk imsejħa "Repubblika Federali tan-Novorossiya", magħmula mir-reġjuni Ukreni tax-Xlokk. Eks "Speaker" tal-ħekk imsejjaħ "Parlament tal-Unjoni tar-Repubbliki Popolari" ("Parlament ta' Novorossiya").<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 12.5.2014 |
| 58. | Roman Viktorovich LYAGIN<br>(Роман Викторович ЛЯГИН)<br>Roman Viktorovych LIAHIN<br>(Роман Вікторович ЛЯГІН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 30.5.1980<br>Post tat-Twelid: Donetsk, l-Ukrajna | Eks kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Organizza b'mod attiv ir-referendum fil-11 ta' Mejju 2014 dwar l-awtodeterminazzjoni tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Eks "Ministru għax-Xogħol u l-Politika Soċjali".<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 12.5.2014 |
| 59. | Aleksandr Sergeevich MALYKHIN<br>Alexander Sergeevich MALYHIN<br>(Александр Сергеевич МАЛЫХИН)<br>Oleksandr Serhiyovych (Sergiyovych) MALYKHIN<br>(Олександр Сергійович МАЛИХІН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 12.1.1981 | Eks kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Organizza b'mod attiv ir-referendum fil-11 ta' Mejju 2014 dwar l-awtodeterminazzjoni tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' politiki separatisti. | 12.5.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 60. | Natalia Vladimirovna POKLONSKAYA<br>(Наталья Владимировна ПОКЛОНСКАЯ) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 18.3.1980<br>Post tat-Twelid: Mikhailovka, reġjun ta' Voroshilovgrad, SSR tal-Ukrajna jew Yevpatoria, SSR tal-Ukrajna, (issa l-Ukrajna) | Membru tad-Duma tal-Istat, eletta mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa illegalment.<br>Eks Prosekutur tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Implimentat b'mod attiv l-annessjoni tal-Krimea mir-Russja.<br>Attwalment Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet Internazzjonali, membru tal-Kummissjoni dwar l-investigazzjoni tal-interferenza barranija fl-affarijiet interni tal-Federazzjoni Russa, membru tal-Kumitat għas-sigurtà u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. | 12.5.2014 |
| 61. | Igor Sergeievich SHEVCHENKO<br>(Игорь Сергеевич ШЕВЧЕНКО) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 9.2.1979<br>Post tat-Twelid: Sevastopol, il-Krimea, l-Ukrajna | Eks Prosekutur ta' Sevastopol u bħala tali li attivament jimplimentaw l-annessjoni ta' Sevastopol mir-Russja.<br>Prosekutur tar-Repubblika ta' Adygea. | 12.5.2014 |
| 62. | Aleksandr Yurevich BORODAI<br>(Александр Юрьевич БОРОДАЙ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 25.7.1972<br>Post tat-Twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa | Qabel kien l-hekk imsejjaħ "Prim Ministru tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", bħala tali responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" (eż. fit-8 ta' Lulju 2014 iddikjara li 'l-militar tagħna qed iwettaq operazzjoni speċjali kontra l-"faxxisti" Ukreni), firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil dwar l-"unjoni ta' Novorossiya". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti; imexxi l-"Unjoni ta' voluntieri ta' Donbas".<br>Involut b'mod attiv fir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-'voluntiera' mibgħuta jiġġieldu f'Donbas. | 12.7.2014 |
| 63. | Alexander KHODAKOVSKY,<br>Oleksandr Serhiyovych KHODAKOVSKYY (KHODAKOVSKYI)<br>(Олександр Сергійович ХОДАКОВСЬКИЙ)<br>Aleksandr Sergeevich KHODAKOVSKII<br>(Александр Сергеевич ХОДАКОВСКИЙ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 18.12.1972<br>Post tat-Twelid: Donetsk, l-Ukrajna | Dak li kien jissejjaħ "Ministru għas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" ta' qabel, bħala tali responsabbli għal attivitajiet ta' sigurtà separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 12.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 64. | Alexandr Arkadievich KALYUSSKY<br>(Александр Аркадьевич КАЛЮССКИЙ)<br>Oleksandr Arkadiyovych KALYUSSKIY<br>(Олександр Аркадійович КАЛЮСЬКИЙ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 9.10.1975 | L-hekk imsejjaħ eks "Viċi Prim Ministru *de facto* għall-Affarijiet Soċjali tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 12.7.2014 |
| 65. | Alexander KHRYAKOV<br>Aleksandr Vitalievich KHRYAKOV<br>(Александр Витальевич ХРЯКОВ),<br>Oleksandr Vitaliyovych KHRYAKOV<br>(Олександр Віталійович ХРЯКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 6.11.1958<br>Post tat-Twelid: Donetsk, l-Ukrajna | L-hekk imsejjaħ ex "Ministru għall-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-Massa tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Bħalissa membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Responsabbli għall-attivitajiet ta' propaganda favur is-separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Għadu attiv fl-appoġġ tal-azzjonijiet separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna. | 12.7.2014 |
| 66. | Marat Faatovich BASHIROV<br>(Марат Фаатович БАШИРОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 20.1.1964<br>Post tat-Twelid: Izhevsk, il-Federazzjoni Russa | L-hekk imsejjaħ ex "Prim Ministru tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", ikkonfermat fit-8 ta' Lulju 2014.<br>Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Ikompli b'attivitajiet ta' appoġġ għal strutturi separatisti tal-LNR. | 12.7.2014 |
| 67. | Vasyl Oleksandrovych NIKITIN<br>(Василь Олександрович НІКІТІН)<br>Vasilii Aleksandrovich NIKITIN<br>(Василий Александрович НИКИТИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 25.11.1971<br>Post tat-Twelid: Shargun, l-Użbekistan Sess: raġel | L-hekk imsejjaħ ex "Viċi Prim Ministru tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" (kien l-hekk imsejjaħ ex "Prim Ministru tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u ex kelliem tal-"Armata tax-Xlokk").<br>Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Responsabbli għad-dikjarazzjoni tal-Armata tax-Xlokk li l-elezzjonijiet presidenzjali Ukreni fir-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" ma jistgħux isiru minħabba l-istatus il-"ġdid" tar-reġjun.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 12.7.2014 |
| 68. | Aleksey Vyacheslavovich KARYAKIN<br>(Алексей Вячеславович КАРЯКИН)<br>Oleksiy Vyacheslavovych KARYAKIN<br>(Олексій В'ячеславович КАРЯКІН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 7.4.1980 jew 7.4.1979<br>Post tat-Twelid: Stakhanov reġjun ta' Luhansk, l-Ukrajna | Sal-25 Marzu 2016 l-hekk imsejjaħ "President tal-Kunsill Suprem tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-"Kunsill Suprem", responsabbli għat-talba lill-Federazzjoni Russa biex tirrikonoxxi l-indipendenza tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". | 12.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil dwar l-"unjoni ta' Novorossiya".<br>Eks membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.<br>Attwalment President tal-hekk imsejħa "Awla Pubblika tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". | |
| 69. | Yuriy Volodymyrovych IVAKIN<br>(Юрій Володимирович ІВАКІН)<br>Iurii Vladimirovich IVAKIN<br>(Юрий Владимирович ИВАКИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 13.8.1954<br>Post tat-Twelid: Pererevalsk (oblast ta' Luhansk), l-Ukrajna | Dak li kien jissejjaħ 'Ministru għall-Affarijiet Interni tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' ta' qabel, bħala tali responsabbli għal attivitajiet 'governattivi' separatisti tal-hekk imsejjaħ 'gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'. | 12.7.2014 |
| 70. | Igor PLOTNITSKY<br>Igor Venediktovich PLOTNITSKII<br>(Игорь Венедиктович ПЛОТНИЦКИЙ)<br>Ihor (Igor) Venedyktovych PLOTNYTSKYY<br>(Ігор Венедиктович ПЛОТНИЦЬКИЙ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 24.6.1964 jew 25.6.1964 jew 26.6.1964<br>Post tat-Twelid: Luhansk (possibilment f'Kelmentsi, oblast ta' Chernivtsi), l-Ukrajna | L-hekk imsejjaħ 'Ministru għad-Difiża u l-hekk imsejjaħ eks "Kap" tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk, u bħala tali responsabbli għal attivitajiet 'governattivi' separatisti tal-hekk imsejjaħ 'gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'.<br>Eks Mibgħut Speċjali preċedenti tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" dwar l-implimentazzjoni ta' Minsk. | 12.7.2014 |
| 71. | Nikolay Ivanovich KOZITSYN<br>(Николай Иванович КОЗИЦЫН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 20.6.1956 jew 6.10.1956<br>Post tat-Twelid: Djerzjinsk, reġjun ta' Donetsk, l-Ukrajna | Kmandant tal-forzi Kosakki.<br>Responsabbli għall-kmand tas-separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna fil-ġlieda kontra l-forzi tal-gvern Ukren.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 12.7.2014 |
| 73. | Mikhail Efimovich FRADKOV<br>(Михаил Ефимович ФРАДКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 1.9.1950<br>Post tat-Twelid: Kurumoch, irreġjun ta' Kuibyshev, il-Federazzjoni Russa | Eks membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa; Eks Direttur tas-Servizz tal-Intelligence Estera tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Fl-4 ta' Jannar 2017, Direttur tal-Istitut Russu għall-Istudji Strateġiċi. Huwa wkoll il-President tal-Bord tad-Diretturi ta' 'Almaz-Antey'.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 74. | Nikolai Platonovich PATRUSHEV<br>(Николай Платонович ПАТРУШЕВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid 11.7.1951<br>Post tat-Twelid: Leningrad, USSR (issa San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa) | Membru permanenti u Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |
| 75. | Aleksandr Vasilievich BORTNIKOV<br>(Александр Васильевич БОРТНИКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 15.11.1951<br>Post tat-Twelid: Perm, il-Federazzjoni Russa | Membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa; Direttur tas-Servizz Federali tas-Sigurtà (FSB). Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |
| 76. | Rashid Gumarovich NURGALIEV<br>(Рашид Гумарович НУРГАЛИЕВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 8.10.1956<br>Post tat-Twelid: Zhetikara, ir-Repubblika Soċjalista Sovjetika Kazaka (issa l-Każakistan) | Membru permanenti u Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |
| 77. | Boris Vyacheslavovich GRYZLOV<br>(Борис Вячеславович ГРЫЗЛОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid 15.12.1950<br>Post tat-Twelid: Vladivostok, il-Federazzjoni Russa | Eks membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Għadu l-President tal-Kunsill Suprem tal-partit Russja Magħquda.<br>Il-President tal-Bord tad-Diretturi tal-intrapriża tal-Istat Tattiles Missiles Corporation JSC. | 25.7.2014 |
| 78. | Sergei Orestovich BESEDA<br>(Сергей Орестович БЕСЕДА) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 17.5.1954 | Kmandant tal-Ħames Servizz tal-FSB, is-Servizz Federali ta' Sigurtà tal-Federazzjoni Russa.<br>Bħala uffiċjali għoli tal-FSB (Kurunell-Ġenerali), huwa jmexxi servizz responsabbli li jissorvelja l-operazzjonijiet ta' intelligence u l-attività internazzjonali. | 25.7.2014 |
| 79. | Mikhail Vladimirovich DEGTYARYOV/DEGTYAREV<br>(Михаил Владимирович ДЕГТЯРЁВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid 10.7.1981<br>Post tat-Twelid: Kuibyshev (Samara), il-Federazzjoni Russa | Membru tad-Duma tal-Istat.<br>Bħala membru tad-Duma huwa ħabbar l-inawgurazzjoni tal-"ambaxxata de facto" tal-hekk imsejħa u mhux rikonoxxuta "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" f'Moska, huwa jikkontribwixxi għall-ipperikolar jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Attwalment President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat Russu dwar l-Edukazzjoni Fiżika, l-Isport u l-Affarijiet taż-Żgħażagħ. | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 80. | Ramzan Akhmadovitch KADYROV<br>(Рамзан Ахматович КАДЫРОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 5.10.1976<br>Post tat-Twelid: Tsentaroy, iċ-Ċeċenja, il-Federazzjoni Russa | President tar-Repubblika taċ-Ċeċenja. Kadyrov għamel dikjarazzjonijiet b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u b'appoġġ għar-ribelljoni armata fl-Ukrajna. Fl-14 ta' Ġunju 2014 huwa ddikjara fost affarijiet oħra li hu 'ser jagħmel minn kollox biex jagħti l-ħajja mill-ġdid lill-Krimea'. F'dak il-kuntest, huwa ngħata l-medalja għal-'liberazzjoni tal-Krimea' mill-Aġent Kap tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" għall-appoġġ li pprovda lill-annessjoni illegali tal-Krimea. Barra minn hekk, fl-1 ta' Ġunju 2014 huwa qal li lest jibgħat 74 000 voluntier Ċeċen fl-Ukrajna jekk jintalab jagħmel dan. | 25.7.2014 |
| 81. | Alexander Nikolayevich TKACHYOV<br>(Александр Николаевич ТКАЧЁВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 23.12.1960<br>Post tat-Twelid: Vyselki, ir-reġjun ta' Krasnodar, il-Federazzjoni Russa | Eks Gvernatur tal-Krasnodar Krai.<br>Ingħata l-midalja "għal-ħelsien tal-Krimea" mill-Aġent kap tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" għall-appoġġ li pprovda lill-annessjoni illegali tal-Krimea. F'dik l-okkażjoni, l-Aġent Kap tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" qal li Tkachyov kien minn tal-ewwel li esprimew l-appoġġ tagħhom għat-"tmexxija" l-ġdida tal-Krimea.<br>Eks Ministru għall-Agrikoltura tal-Federazzjoni Russa. | 25.7.2014 |
| 82. | Pavel Yurievich GUBAREV<br>(Павел Юрьевич ГУБАРЕВ)<br>Pavlo Yuriyovich GUBARIEV (HUBARIEV)<br>(Павло Юрійович ГУБАРЄВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 10.2.1983 (jew 10.3.1983)<br>Post tat-Twelid: Sievierodonetsk, l-Ukrajna | Wieħed minn dawk li jiddeskrivu lilhom infushom bħala mexxejja tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa talab l-intervent Russu fil-Lvant tal-Ukrajna, inkluż permezz tal-iskjerament ta' forzi taż-żamma tal-paċi Russi. Kien assoċjat ma' Igor Strelkov/Girkin li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Gubarev kien responsabbli għar-reklutaġġ ta' nies għall-forzi armati tas-separatisti.<br>Responsabbli għat-teħid tal-bini tal-gvern reġjonali f'Donetsk b'forzi pro-Russi u pproklama lilu nnifsu bħala l-"gvernatur tal-poplu".<br>Minkejja li ġie arrestat għat-theddid tal-integrità territorjali tal-Ukrajna, u sussegwentement inħeles, huwa kompla jaqdi rwol prominenti f'attivitajiet separatisti, u għaldaqstant dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |
| 83. | Ekaterina Yurievna GUBAREVA<br>(Екатерина Юрьевна ГУБАРЕВА)<br>Kateryna Yuriyivna GUBARIEVA (HUBARIEVA)<br>(Катерина Юріївна ГУБАРЄВА) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 5.7.1983 jew 10.3.1983<br>Post tat-Twelid: Kakhovka (Kherson oblast), l-Ukrajna | Fil-kapaċità tagħha tal-hekk imsejjaħ ex "Ministru għall-Affarijiet Barranin" kienet responsabbli għad-difiża tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u għaldaqstant dgħajfet l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità hija appoġġat b'hekk azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal- | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Ukrajna. Għadha attiva fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.<br>Eks Membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" (sa Novembru 2018). | |
| 84. | Fyodor Dmitrievich BEREZIN<br>(Фёдор Дмитриевич БЕРЕЗИН)<br>Fedir Dmytrovych BEREZIN<br>(Федір Дмитрович БЕРЕЗІН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 7.2.1960<br>Post tat-Twelid: Donetsk, l-Ukrajna | L-hekk imsejjaħ ex "viċi ministru għad-difiża" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa assoċjat ma' Igor Strelkov/Girkin li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità Berezin għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Il-President attwali tal-Bord tal-Unjoni tal-Kittieba tad-DNR. | 25.7.2014 |
| 85. | Valery Vladimirovich KULIKOV<br>(Валерий Владимирович КАУРОВ)<br>Valeriy Volodymyrovych KAUROV<br>(Валерій Володимирович КАУРОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 2.4.1956<br>Post tat-Twelid: Odessa, l-Ukrajna | L-hekk imsejjaħ "president" tal-hekk imsejħa "Repubblika ta' Novorossiya" li appella lir-Russja biex tiskjera truppi fl-Ukrajna. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità għalhekk huwa appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 25.7.2014 |
| 86. | Serhii Anatoliyovych ZDRILIUK magħruf ukoll bħala Abwehr<br>(Сергей Анатольевич ЗДРИЛЮК)<br>(Сергій Анатолійович ЗДРИЛЮК) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 23.6.1972 (jew 23.7.1972)<br>Post tat-Twelid: Ir-reġjun ta' Vinnytsia, l-Ukrajna | Assistent għoli ta' Igor Strelkov/Girkin li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità għalhekk huwa appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 25.7.2014 |
| 87. | Vladimir ANTYUFEYEV (magħruf ukoll bħala Vladimir SHEVTSOV, Vladimir Iurievici ANTIUFEEV, Vladimir Gheorghievici ALEXANDROV, Vadim Gheorghievici SHEVTSOV)<br>(Владимир АНТЮФЕЕВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 19.2.1951<br>Post tat-Twelid: Novosibirsk, il-Federazzjoni Russa | Kien "Ministru għas-Sigurtà tal-Istat" fir-reġjun separatist tat-Transnistrija. Kien viċi prim ministru tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", responsabbli għas-sigurtà u l-infurzar tal-liġi. Fil-kapaċità tiegħu, kien responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Membru tal-Bord tal-intrapriża tal-Istat "United Engine Corporation".<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 88. | Alexey Alexeyevich GROMOV<br>(Алексей Алексеевич ГРОМОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 31.5.1960<br>Post tat-Twelid: Zagorsk (Sergiev Posad), il-Federazzjoni Russa | Bħala l-ewwel Viċi Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, huwa responsabbli mill-għoti ta' struzzjoni tal-mezzi ta' komunikazzjoni Russi biex jieħdu pożizzjoni favorevoli mas-separatisti fl-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea, u b'hekk jappoġġa d-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea. | 30.7.2014 |
| 89. | Oksana TCHIGRINA,<br>Oksana Aleksandrovna CHIGRINA (CHYHRYNA)<br>(Оксана Александровна ЧИГРИНА) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: possibilment 23.7.1981 | Eks kelliema tal-hekk imsejjaħ "gvern" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" li għamlet dikjarazzjonijiet li jiġġustifikaw fost oħrajn it-twaqqigħ ta' ajruplan militari Ukren, it-teħid ta' ostaġġi, attivitajiet ta' ġlied mill-gruppi armati illegali, li bħala konsegwenza pperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-unità tal-Ukrajna.<br>Eks kelliema tas-Servizz tal-Istampa tal-LNR.<br>Għadha attiva fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 30.7.2014 |
| 90. | Boris Alekseevich LITVINOV<br>(Борис Алексеевич ЛИТВИНОВ)<br>Borys Oleksiyovych LYTVYNOV<br>(Борис Олексійович ЛИТВИНОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 13.1.1954<br>Post tat-Twelid: Dzerzhynsk (oblast ta' Donetsk), l-Ukrajna | Eks membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" u ex president tal-hekk imsejjaħ "Kunsill Suprem" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" li kien responsabbli għall-politika u l-organizzazzjoni tar-"referendum" illegali li wasslu għall-proklamazzjoni tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", li kkostitwixxiet ksur tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-unità tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Mexxej attwali tal-Partit Komunista tad-DNR. | 30.7.2014 |
| 91. | Sergey Vadimovich ABISOV<br>(Сергей Вадимович АБИСОВ)<br>Sergiy (Serhiy) Vadymovych ABISOV<br>(Сергій Вадимович АБІСОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid 27.11.1967<br>Post tat-Twelid: Simferopol, il-Krimea, l-Ukrajna | Billi aċċetta l-ħatra tiegħu bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Intern tar-Repubblika tal-Krimea" mill-President tar-Russja (digriet Nru 301) fil-5 ta' Mejju 2014 u bl-azzjonijiet tiegħu bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Intern" huwa dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-unità tal-Ukrajna.<br>Imneħħi bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Intern tar-Repubblika tal-Krimea" f'Ġunju 2018. Assistent għall-"President" tal-Kunsill tal-Ministri tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea." | 30.7.2014 |
| 92. | Arkady Romanovich ROTENBERG,<br>Arkadii Romanovich ROTENBERG<br>(Аркадий Романович РОТЕНБЕРГ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 15.12.1951<br>Post tat-Twelid: Leningrad, USSR (issa San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa) | Arkady Rotenberg huwa negozjant Russu prominenti, li għandu rabtiet personali mill-qrib mal-President Putin. Sa minn Marzu 2014, Rotenberg, jew il-kumpanniji tiegħu, irċevew kuntratti Statali li jammontaw għal aktar minn USD 7 biljun. Fl-2015, Rotenberg kien fil-quċċata tal-lista annwali ta' kuntratti tal-gvern f'termini ta' valur, wara li ngħata kuntratti li jiswew RUB 555 biljun mill-Gvern Russu. Ħafna minn dawn il-kuntratti ngħataw mingħajr proċessi kompetittivi formali. Fit-30 ta' Jannar 2015, il-Prim Ministru Dmitry Medvedev iffirma digriet li ta lill- | 30.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | kumpannija Stroygazmontazh ta' Rotenberg kuntratt Statali għall-bini tal-pont ta' Kerch mir-Russja sar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa illegalment. Permezz ta' dawn il-kuntratti hu bbenefika finanzjarjament minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli mill-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-lvant tal-Ukrajna.<br><br>Huwa s-sid tal-kumpannija Stroygazmontazh li ngħatat kuntratt Statali għall-bini tal-pont ta' Kerch mir-Russja sar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa illegalment u għalhekk jikkonsolida l-integrazzjoni tagħha fil-Federazzjoni Russa li b'hekk imbagħad tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Bl-istess mod, f'Jannar 2017, Stroygazmontazh ingħatat kuntratt Statali li jiswa RUB 17-il biljun għall-bini ta' linja ferrovjarja fuq il-pont ta' Kerch li għal darb'oħra tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna.<br><br>Huwa l-president tal-bord tad-diretturi tal-kumpanija tal-pubblikazzjoni Prosvescheniye, li notevolment implimentat il-proġett 'Lit-Tfal tar-Russja: Indirizz – Krimea', kampanja ta' relazzjonijiet pubbliċi li tfasslet biex tikkonvinċi lit-tfal tal-Krimea li issa huma ċittadini Russi li jgħixu fir-Russja u b'hekk jappoġġaw il-politika tal-gvern Russu li tintegra l-Krimea fir-Russja. | |
| 93. | Konstantin Valerevich MALOFEEV<br>(Константин Валерьевич МАЛОФЕЕВ) | Sess: raġel<br><br>Data tat-twelid: 3.7.1974<br><br>Post tat-Twelid: Puschino, reġjun ta' Moska, il-Federazzjoni Russa | Is-Sur Malofeev għandu rabtiet mill-qrib ma' separatisti Ukreni fil-Lvant tal-Ukrajna u l-Krimea. Kien jimpjega lis-Sur Borodai, l-hekk imsejjaħ ex "Prim Ministru" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u ltaqa" mas-Sur Aksyonov, l-hekk imsejjaħ "Prim Ministru" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea", matul il-perijodu tal-proċess tal-annessjoni tal-Krimea. Il-Gvern Ukren fetaħ investigazzjoni kriminali dwar l-allegat appoġġ materjali u finanzjarju tiegħu lis-separatisti. Barra minn hekk, huwa għamel numru ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi li jappoġġaw l-annessjoni tal-Krimea u l-inkorporazzjoni tal-Ukrajna fir-Russja u b'mod partikolari f'Ġunju 2014 iddikjara li "Ma tistax tinkorpora l-Ukrajna kollha kemm hi fir-Russja. Forsi l-Lvant (tal-Ukrajna)'.<br><br>Għalhekk is-Sur Malofeev qed jappoġġa d-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna. | 30.7.2014 |
| 94. | Yuriy Valentinovich KOVALCHUK<br>(Юрий Валентинович КОВАЛЬЧУК) | Sess: raġel<br><br>Data tat-twelid 25.7.1951<br><br>Post tat-Twelid: Leningrad, USSR (issa San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa) | Is-Sur Shamalov ilu jaf lill-President Putin għal żmien twil. Huwa kofundatur tal-hekk imsejħa Ozero Dacha, soċjetà kooperattiva li tlaqqa' grupp influwenti ta' individwi madwar il-President Putin. | 30.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Huwa qed jibbenefika mill-konnessjonijiet tiegħu ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja. Huwa l-president u l-akbar azzjonist tal-Bank Rossiya, li fl-2013 kien jippossjedi madwar 38 % tiegħu, u li huwa kkunsidrat il-bank personali ta' Uffiċjali Għolja tal-Federazzjoni Russa. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, il-Bank Rossiya fetaħ fergħat fil-Krimea kollha u f'Sevastopol, biex b'hekk ikkonsolida l-integrazzjoni tagħha fil-Federazzjoni Russa.<br>Barra minn dan, il-Bank Rossiya għandu interessi importanti fin-National Media Group li, min-naħa tiegħu, jikkontrolla l-istazzjonijiet televiżivi li jappoġġaw attivament il-politika tal-gvern Russu ta' destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna | |
| 95. | Nikolay Terentievich SHAMALOV<br>(Николай Терентьевич ШАМАЛОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 24.1.1950<br>Post tat-Twelid: Il-Belarussja jew Moska jew Leningrad, USSR (Moska jew San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa) | Is-Sur Shamalov ilu jaf lill-President Putin għal żmien twil. Huwa kofundatur tal-hekk imsejħa Ozero Dacha, soċjetà kooperattiva li tlaqqa' grupp influwenti ta' individwi madwar il-President Putin.<br>Huwa qed jibbenefika mill-konnessjonijiet tiegħu ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja. Huwa t-tieni l-akbar azzjonist tal-Bank Rossiya, li fl-2013 kien jippossjedi madwar 10 % tiegħu, u li huwa kkunsidrat il-bank personali ta' Uffiċjali Għolja tal-Federazzjoni Russa. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, il-Bank Rossiya fetaħ fergħat fil-Krimea kollha u f'Sevastopol, biex b'hekk ikkonsolida l-integrazzjoni tagħha fil-Federazzjoni Russa.<br>Barra minn dan, il-Bank Rossiya għandu interessi importanti fin-National Media Group li, min-naħa tiegħu, jikkontrolla l-istazzjonijiet televiżivi li jappoġġaw attivament il-politika tal-gvern Russu ta' destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 30.7.2014 |
| 97. | Vladimir Petrovich KONONOV (magħruf ukoll bħala "Tsar")<br>(Владимир Петровнч КОНОНОВ)<br>Volodymyr Petrovych KONONOV<br>(Володимир Петрович КОНОНОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 14.10.1974<br>Post tat-Twelid: Gorsky, Oblast ta' Luhansk, l-Ukrajna | Mill-14 ta' Awwissu 2014, ħa post Igor Strelkov/Girkin, bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għad-Difiża" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Hu maħsub li kkmanda diviżjoni ta' ġellieda separatisti f'Donetsk minn April 2014 'l hawn u wieġhed li jsolvi l-kompitu strateġiku li jwaqqaf l-aggressjoni militari tal-Ukrajna. Kononov b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Imneħħi bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għad-Difiża" f'Settembru 2018.<br>Kap tad-Direttorat għall-Għajnuna Soċjali lil Membri tas-Servizz Irtirati u l-Edukazzjoni Patrijottika, taħt l-hekk imsejjaħ "Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" | 12.9.2014 |
| 98. | Miroslav Vladimirovich RUDENKO<br>(Мирослав Владимирович РУДЕНКО)<br>Myroslav Volodymyrovych RUDENKO<br>(Мирослав Володимирович РУДЕНКО) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 21.1.1983<br>Post tat-Twelid: Debaltsevo, l-Ukrajna | Assoċjat mal-"Milizzja tal-Poplu ta' Donbass". Fost affarijiet oħra, huwa ddikjara li ser ikomplu l-ġlied tagħhom fil-bqija tal-pajjiż. Rudenko b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 12.9.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 102. | Andrei Nikolaevich RODKIN<br>(Андрей Николаевич РОДКИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 23.9.1976<br>Post tat-Twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa | Eks Rappreżentant f'Moska tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu, tkellem fost l-oħrajn dwar kif il-milizzji jinsabu lesti jmorru għal gwerra tal-gwerillieri u s-sekwestru tagħhom ta' sistemi ta' armi mill-forzi armati Ukreni. Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Wieħed mill-eks mexxejja tal-"Unjoni ta' Voluntiera ta' Donbas".<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 12.9.2014 |
| 103. | Aleksandr Akimovich KARAMAN<br>(Александр Акимович КАРАМАН)<br>Alexandru CARAMAN | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 26.7.1956<br>Post tat-twelid, Cioburciu, distrett ta' Slobozia, ir-Repubblika tal-Moldova | L-hekk imsejjaħ ex "Viċi Prim Ministru għall-Kwistjonijiet Soċjali" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Assoċjat ma' Vladimir Antyufeyev, li kien responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Protett tal-eks Viċi Prim Ministru tar-Russja Dmitry Rogozin. Eks Kap tal-"Amministrazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Sa Marzu 2017, l-hekk imsejjaħ "Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President" tal-hekk imsejħa "Repubblika Pridnestrovjana tal-Moldova" għall-Federazzjoni Russa.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 12.9.2014 |
| 104. | Georgiy L'vovich MURADOV<br>(Георгий Львович МУРАДОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 19.11.1954<br>Post tat-Twelid: Kochmes, Komi ASSR (issa l-Federazzjoni Russa) | L-hekk imsejjaħ 'Viċi Prim Ministru' tal-Krimea u Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-Krimea għall-President Putin. Muradov qeda rwol importanti fil-konsolidazzjoni tal-kontroll istituzzjonali Russu fuq il-Krimea minn mindu saret l-annessjoni illegali. Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 12.9.2014 |
| 105. | Mikhail Sergeyevich SHEREMET<br>(Михаил Сергеевич ШЕРЕМЕТ)<br>Mykhaylo Serhiyovych SHEREMET<br>(Михайло Сергійович ШЕРЕМЕТ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid 23.5.1971<br>Post tat-Twelid: Dzhankoy, l-Ukrajna | Membru tad-Duma tal-Istat, eletta mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa illegalment.<br>Kien l-hekk imsejjaħ "L-Ewwel Viċi Prim Ministru" tal-Krimea. Sheremet qeda rwol ewlieni fl-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tar-referendum tas-16 ta' Marzu fil-Krimea dwar l-unifikazzjoni mar-Russja. Fi żmien ir-referendum, intqal li Sheremet ikkmanda lill-"forzi ta' awtodifiża" favur Moska fil-Krimea. Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 12.9.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Elett fit-18 ta' Settembru 2016 bħala deputat tad-Duma mill-Peniżola tal-Krimea annessa illegalment. | |
| 106. | Yuri Leonidovich VOROBIOV<br>(Юрий Леонидович ВОРОБЬЕВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid 2.2.1948<br>Post tat-Twelid: Krasnoyarsk, il-Federazzjoni Russa | Viċi Speaker tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Marzu 2014 Vorobiov appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Wara huwa vvota favur id-digriet relatat. | 12.9.2014 |
| 107. | Vladimir Volfovich ZHIRINOVSKY<br>(Владимир Вольфович ЖИРИНОВСКИ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 25.4.1946<br>Post tat-Twelid: Alma-Ata, SSR Kazaka (issa l-Każakistan) | Membru tal-Kunsill tad-Duma tal-Istat; Mexxej tal-partit LDPR. Appoġġa b'mod attiv l-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea. Appella b'mod attiv li tinqasam l-Ukrajna. Iffirma, f'isem il-partit LDPR li huwa jippresiedi, ftehim mal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. | 12.9.2014 |
| 108. | Vladimir Abdualiyevich VASILYEV<br>(Владимир Абдуалиевич Васильев) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 11.8.1949<br>Post tat-Twelid: Klin, Reġjun ta' Moska, il-Federazzjoni Russa | Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014, ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol".<br>Minn Settembru 2018, Kap tar-Repubblika ta' Dagestan. | 12.9.2014 |
| 109. | Viktor Petrovich VODOLATSKY<br>(Виктор Петрович ВОДОЛАЦКИЙ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid 19.8.1957<br>Post tat-Twelid: Stefanidin Dar, reġjun ta' Rostov, il-Federazzjoni Russa | Eks President ("atman") tal-Unjoni tal-Forzi Kosakki Russi u Barranin. Deputat tad-Duma tal-Istat. Viċi President tal-Kumitat tad-Duma għall-Affarijiet tal-KSI, l-Integrazzjoni Ewroasjatika u relazzjonijiet mal-kompatrijotti.<br>Huwa appoġġa l-annessjoni tal-Krimea u ammetta li l-Kosakki Russi kellhom involviment attiv fil-konflitt Ukren fuq in-naħa tas-separatisti appoġġati minn Moska. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |
| 110. | Leonid Ivanovich KALASHNIKOV<br>(Леонид Иванович КАЛАШНИКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 6.8.1960<br>Post tat-Twelid: Stepnoy Dvorets, il-Federazzjoni Russa | Kien l-Ewwel viċi President tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol".<br>Attwalment President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat Russu għall-Affarijiet tal-KSI, l-Integrazzjoni Ewro-Asjatika u Relazzjonijiet mal-Kompatrijotti | 12.9.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 111. | Vladimir Stepanovich NIKITIN<br>(Владимир Степанович НИКИТИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid 5.4.1948<br>Post tat-Twelid: Opochka, il-Federazzjoni Russa | Eks membru tad-Duma tal-Istat u kien l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet tal-KSI, l-Integrazzjoni Ewro-Asjatika u Relazzjonijiet mal-Kompatrijotti tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014, ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol".<br>Membru tal-Presidium tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista tal-Federazzjoni Russa. | 12.9.2014 |
| 112. | Oleg Vladimirovich LEBEDEV<br>(Олег Владимирович ЛЕБЕДЕВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid 21.3.1964<br>Post tat-Twelid: Ir-reġjun ta' Rudny, reġjun ta' Kostanai, SSR Kazaka (issa l-Każakistan) | Eks membru tad-Duma tal-Istat u kien l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet tal-KSI, l-Integrazzjoni Ewro-Asjatika u Relazzjonijiet mal-Kompatrijotti tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014, ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol".<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' politiki separatisti. | 12.9.2014 |
| 113. | Ivan Ivanovich MELNIKOV<br>(Иван Иванович МЕЛЬНИКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 7.8.1950<br>Post tat-Twelid: Bogoroditsk, il-Federazzjoni Russa | L-Ewwel Viċi Speaker, id-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |
| 114. | Igor Vladimirovich LEBEDEV<br>(Игорь Владимирович ЛЕБЕДЕВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 27.9.1972<br>Post tat-Twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa | Viċi Speaker, id-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |
| 115. | Nikolai Vladimirovich LEVICHEV<br>(Николай Владимирович ЛЕВИЧЕВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 28.5.1953<br>Post tat-Twelid: Pushkin, il-Federazzjoni Russa | Eks membru tad-Duma tal-Istat. Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol".<br>Attwalment membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali. | 12.9.2014 |
| 116. | Svetlana Sergeevna ZHUROVA<br>(Светлана Сергеевна ЖУРОВА) | Sess: mara<br>Data tat-twelid 7.1.1972<br>Post tat-Twelid: Pavlov-on-the-Neva, il-Federazzjoni Russa | L-Ewwel Viċi President tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin, id-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014, ivvotat favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-Repubblika tal-Krimea u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 117. | Aleksey Vasilevich NAUMETS<br>(Алексей Васильевич НАУМЕЦ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 11.2.1968 | Maġġur Ġeneral tal-Armata Russa. Eks kmandant tas-76 diviżjoni tal-ajru li kienet involuta fil-preżenza militari Russa fit-territorju tal-Ukrajna, partikolarment waqt l-annessjoni illegali tal-Krimea. Mill-2018 Viċi Kap tal-Persunal tal-Forzi tal-Ajru. | 12.9.2014 |
| 118. | Sergey Viktorovich CHEMEZOV<br>(Сергей Викторович ЧЕМЕЗОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 20.8.1952<br>Post tat-Twelid: Cheremkhovo, Irkutsk oblast, il-Federazzjoni Russa | Sergei Chemezov huwa wieħed minn dawk magħrufa bħala assoċjati mill-qrib mal-President Putin, it-tnejn kienu uffiċjali tal-KGB stazzjonati fi Dresden u huwa membru tal-Kunsill Suprem tar-'Russja Magħquda'. Huwa qiegħed igawdi mir-rabtiet tiegħu mal-President Russu billi ġie promoss għal karigi għoljin f'kumpanniji kkontrollati mill-Istat. Huwa jippresiedi l-konglomerat ta' Rostec, il-korporazzjoni tad-difiża u l-manifattura industrijali ewlenija Russa kkontrollata mill-Istat. Wara deċiżjoni tal-gvern Russu, Technopromexport, sussidjarja ta' Rostec, qed tippjana li tibni impjanti tal-enerġija fil-Krimea u b'hekk tappoġġa l-integrazzjoni tagħha fil-Federazzjoni Russa.<br>Barra minn hekk, Rosoboronexport, sussidjarja ta' Rostec, appoġġat l-integrazzjoni ta' kumpanniji tad-difiża mill-Krimea fl-industrija tad-difiża tar-Russja, u b'hekk ikkonsolidat l-annessjoni illegali tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. | 12.9.2014 |
| 119. | Alexander Mikhailovich BABAKOV<br>(Александр Михайлович БАБАКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 8.2.1963<br>Post tat-Twelid: Chisinau, SSR Moldovana (issa r-Repubblika tal-Moldova) | Eks membru tad-Duma tal-Istat. Eks Deputat tad-Duma tal-Istat, President tal-Kummissjoni tad-Duma tal-Istat dwar Dispożizzjonijiet Leġislattivi għall-Iżvilupp tal-Kumpless Militari-Industrijali tal-Federazzjoni Russa. Huwa membru prominenti tar-"Russja Magħquda" u negozjant b'investimenti importanti fl-Ukrajna u fil-Krimea.<br>Fl-20 ta' Marzu 2014, ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol".<br>Attwalment membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Viċi President tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin. | 12.9.2014 |
| 120. | Sergey Yurievich KOZYAKOV<br>(Сергей Юрьевич КОЗЬЯКОВ)<br>Serhiy Yuriyovych KOZYAKOV<br>(Сергій Юрійович КОЗЬЯКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 29.9.1982 jew 23.9.1982 | Fil-kapaċità li kellu qabel bħala l-hekk imsejjaħ "Kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali ta' Luhansk" kien responsabbli mill-organizzazzjoni tal-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tat-2 ta' Novembru 2014 fir-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Dawn l-elezzjonijiet kienu ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Bejn Ottubru 2015 u Diċembru 2017 hekk imsejjaħ "Ministru għall-Ġustizzja" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". | 29.11.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Billi assuma u aġixxa f'dawn il-kapaċitajiet, u billi organizza l-"elezzjonijiet" illegali, huwa għaldaqstant b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.<br>Ikompli jappoġġa u jilleġittimizza politiki separatisti f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet separatisti. | |
| 121. | Oleg Konstantinovich AKIMOV (magħruf ukoll bħala. Oleh AKIMOV)<br>(Олег Константинович АКИМОВ)<br>Oleh Kostiantynovych AKIMOV<br>(Олег Костянтинович АКІМОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 15.9.1981<br>Post tat-Twelid: Luhansk, l-Ukrajna | Deputat tal-"Unjoni Ekonomika ta' Luhansk" fil-"Kunsill Nazzjonali" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" illegali tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' tal-hekk imsejjaħ "Kap" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Dawn l-elezzjonijiet kienu ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Sa mill-2014 'l hawn huwa l-"Kap" tal-hekk imsejħa "Federazzjoni tal-Għaqdiet tal-Ħaddiema" u membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, u billi pparteċipat formalment bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.<br>Jappoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 29.11.2014 |
| 122. | Larisa Leonidovna AIRAPETYAN (magħrufa wkoll bħala Larysa AYRAPETYAN, Larisa AIRAPETYAN jew Larysa AIRAPETYAN)<br>(Лариса Леонидовна АЙРАПЕТЯН)<br>(Лариса Леонідівна АЙРАПЕТЯН) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 21.2.1970 | Kienet l-hekk imsejjaħ "Ministru għas-Saħħa" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' Kap tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Dawn l-"elezzjonijiet" huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali.<br>Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, u billi pparteċipat formalment bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, għaldaqstant hija appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.<br>Għadha attiva fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 29.11.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 123. | Yuriy Viktorovich SIVOKONENKO (magħruf ukoll bħala Yuriy SIVOKONENKO, Yury SIVOKONENKO, Yury SYVOKONENKO)<br>(Юрий Викторович СИВОКОНЕНКО) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 7.8.1957<br>Post tat-Twelid: Belt ta' Stalino (issa Donetsk), l-Ukrajna | Membru tal-"Parlament" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u President tal-assoċjazzjoni pubblika l-Unjoni tal-Veterani tal-Berkut ta' Donbass u membru tal-moviment pubbliku "Free Donbass". Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' Kap tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Dawn l-elezzjonijiet kienu ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali.<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, u billi pparteċipat formalment bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 29.11.2014 |
| 124. | Aleksandr Igorevich KOFMAN (magħruf ukoll bħala Oleksandr KOFMAN)<br>(Александр Игоревич КОФМАН)<br>(Олександр Ігорович КОФМАН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 30.8.1977<br>Post tat-Twelid: Makiivka (oblast ta' Donetsk), l-Ukrajna | L-hekk imsejjaħ ex "Ministru għall-Affarijiet Barranin" u l-hekk imsejjaħ "L-Ewwel viċi speaker" tal-"Parlament" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" illegali tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' tal-hekk imsejjaħ "Kap" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Dawn l-elezzjonijiet kienu ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali.<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, u billi pparteċipat formalment bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.<br>Minn Ġunju 2019 President tal-hekk imsejħa "Awla Pubblika tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 29.11.2014 |
| 125. | Ravil Zakarievich KHALIKOV<br>(Равиль Закариевич ХАЛИКОВ)<br>Ravil Zakariyovych KHALIKOV<br>(Равіль Закарійович ХАЛІКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 23.2.1969<br>Post tat-Twelid: Ir-raħal ta' Belozernoe, ir-rayon Romodanvskiy, l-USSR (issa l-Federazzjoni Russa) | L-hekk imsejjaħ ex "L-Ewwel Viċi Prim Ministru u l-'Prosekutur Ġenerali" preċedenti tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.<br>Attwalment "aide" tal-kap tal-fergħa ta' Moska tal-Kumitat Investigattiv tal-Federazzjoni Russa (GSU SK). | 29.11.2014 |
| 127. | Oleg Evgenevich BUGROV<br>(Олег Евгеньевич БУГРОВ)<br>Oleh Yevhenovych BUHROV<br>(Олег Євгенович БУГРОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 29.8.1969 jew 1973<br>Post tat-Twelid: Sverdlovsk, Luhansk, l-Ukrajna | L-eks "Ministru għad-Difiża" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 29.11.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 128. | Lesya Mikhaylovna LAPTEVA<br>(Леся Михайловна ЛАПТЕВА)<br>Lesya Mykhaylivna LAPTIEVA<br>(Леся Михайлівна ЛАПТЄВА)) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 11.3.1976<br>Post tat-Twelid: Dzhambul/Jambul/Taraz (il-Każakstan) | L-eks "Ministru għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza, il-Kultura u r-Reliġjon" tal-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, hija għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 29.11.2014 |
| 129. | Yevgeniy Eduardovich MIKHAYLOV (magħruf ukoll bħala Yevhen Eduardovych MYCHAYLOV)<br>(Евгений Эдуардович МИХАЙЛОВ)<br>(Євген Едуардович МИХАЙЛОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 17.3.1963<br>Post tat-Twelid: Arkhangelsk, il-Federazzjoni Russa | L-ħekk imsejjaħ eks "Ministru għall-Kunsill tal-Ministri" (kap tal-amministrazzjoni għall-affarijiet governattivi) tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 29.11.2014 |
| 130. | Ihor Vladymyrovych KOSTENOK (magħruf ukoll bħala Igor Vladimirovich KOSTENOK)<br>(Игорь Владимирович КОСТЕНОК) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 15.3.1961<br>Post tat-Twelid: Vodyanske, Dobropilia Rayon, Donetsk oblast, l-Ukrajna<br>Водянское, Добропольский район Донецкой области, Украина | L-ħekk imsejjaħ eks "Ministru għall-Edukazzjoni" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.<br>Attwalment jaħdem għall-Akkademja Maniġerjali ta' Donetsk u s-Servizz Pubbliku taħt l-ħekk imsejjaħ 'Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. | 29.11.2014 |
| 131. | Yevgeniy Vyacheslavovich ORLOV (magħruf ukoll bħala Yevhen Vyacheslavovych ORLOV)<br>(Евгений Вячеславович ОРЛОВ | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 10.5.1980 jew 21.10.1983<br>Post tat-Twelid: Snezhnoye, reġjun ta' Donetsk, l-Ukrajna<br>г. Снежное, Донецкой области, Украина | Membru tal-"Kunsill Nazzjonali" tal-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Eks president tal-moviment pubbliku "Donbass Ħieles".<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 29.11.2014 |
| 132. | Vladyslav Mykolayovych DEYNEGO magħruf ukoll bħala Vladislav Nikolayevich DEYNEGO<br>(Владислав Миколайович ДЕЙНЕГО)<br>(Владислав Николаевич ДЕЙНЕГО) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 12.3.1964<br>Post tat-Twelid: Romny, Sumy oblast, l-Ukrajna<br>Ромны, Сумская область, Украина | Eks "Viċi Kap" tal-"Kunsill tal-Poplu" tal-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 29.11.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Attwalment l-ħekk imsejjaħ "Ministru għall-Ġustizzja" tal-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". | |
| 134. | Alexey Yurevich MILCHAKOV (magħruf ukoll bħala Fritz, Serbjan)<br>(Алексей Юрьевич МИЛЬЧАКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 30.4.1991<br>Post tat-Twelid: San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa | Kmandant tal-unità "Rusich", grupp separatist armat involut fil-ġlied fil-Lvant tal-Ukrajna.<br>F'din il-kapaċità, huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna | 16.2.2015 |
| 137. | Eduard Aleksandrovich BASURIN<br>(Эдуард Александрович БАСУРИН)<br>Eduard Oleksandrovych BASURIN<br>(Едуард Олександрович БАСУРІН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 27.6.1966<br>Post tat-Twelid: Donetsk, l-Ukrajna | Kelliem u Viċi Kap tal-"Milizzja tal-Poplu" tal-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna | 16.2.2015 |
| 138. | Alexandr Vasilievich SHUBIN<br>(Александр Васильевич ШУБИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 20.5.1972 jew 30.5.1972<br>Post tat-Twelid: Luhansk, l-Ukrajna | L-ħekk imsejjaħ eks "Ministru għall-Ġustizzja", tal-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" illegali. Eks President tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.<br>Imkeċċi minn president tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" f'Ġunju 2018.<br>Ikompli jappoġġa u jilleġittimizza l-politiki separatisti | 16.2.2015 |
| 140. | Sergey Yurevich IGNATOV (magħruf ukoll bħala KUZOVLEV, TAMBOV)<br>(Сергей Юрьевич ИГНАТОВ (magħruf ukoll bħala КУЗОВЛЕВ ТАМБОВ)) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 7.1.1967<br>Post tat-Twelid: Michhursk, Tambov oblast, il-Federazzjoni Russa<br>Мичуринск, Тамбовская область, Российская Федерация | L-ħekk imsejjaħ eks Kap Kmandant tal-Milizzja tal-Poplu tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.<br>Eks Kmandant tat-8 Armata tal-Forzi Armati Russi. Kap tal-Persunal u l-Ewwel Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar Russu. | 16.2.2015 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 141. | Ekaterina Vladimirovna FILIPPOVA<br>(Екатерина Владимировна ФИЛИППОВА)<br>Kateryna Volodymyrivna FILIPPOVA<br>(Катерина Володимирівна ФІЛІППОВА magħrufa wkoll bħala Ekaterina Vladimirovna GOGIASHVILI<br>(Екатерина Владимировна ГОГИАШВИЛИ) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 20.1.1988<br>Post tat-Twelid: Krasnoarmëisk | L-hekk imsejħa eks "Ministru għall-Ġustizzja" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, hija għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.<br>Attwalment Direttur għad-Dipartiment għall-organizzazzjoni tax-xogħol tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 16.2.2015 |
| 142. | Aleksandr Yurievich TIMOFEEV<br>(Александр Юрьевич ТИМОФЕЕВ)<br>Oleksandr Yuriyovych TYMOFEYEV<br>(Олександр Юрійович ТИМОФЄЄВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 15.5.1971<br>Post tat-Twelid: Nevinnomyssk, Stavropol Krai, il-Federazzjoni Russa<br>Невинномысск, Ставропольский край, Российская Федерация | L-hekk imsejjaħ eks "Ministru tal-Finanzi u t-Taxxi" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.<br>Imkeċċi bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru tal-Finanzi u t-Taxxi" f'Settembru 2018. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti | 16.2.2015 |
| 143. | Evgeny Vladimirovich MANUYLOV<br>(Евгений Владимирович МАНУЙЛОВ)<br>Yevhen Volodymyrovych MANUYLOV<br>(Євген Володимирович МАНУЙЛОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 5.1.1967<br>Post tat-Twelid: Baranykivka, Bilodvodsk Raion, ir-reġjun ta' Luhansk, l-Ukrajna<br>с. Бараниковка Беловодского района Луганской области, Украина | L-hekk imsejjaħ eks "Ministru għall-Finanzi" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 16.2.2015 |
| 144. | Viktor Vyacheslavovich YATSENKO<br>(Виктор Вячеславович ЯЦЕНКО)<br>Viktor Viacheslavovych YATSENKO<br>(Віктор В'ячеславович ЯЦЕНКО) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 22.4.1985<br>Post tat-Twelid: Kherson, l-Ukrajna | Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Komunikazzjonijiet" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" (sa Ottubru 2019).<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 16.2.2015 |
| 145. | Olga Igorevna BESEDINA<br>(Ольга Игоревна БЕСЕДИНА)<br>Olha Ihorivna BESEDINA<br>(Ольга Ігорівна БЕСЕДІНА)) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 10.12.1976<br>Post tat-Twelid: Luhansk, l-Ukrajna | L-hekk imsejħa ex "Ministru tal-Iżvilupp Ekonomiku u l-Kummerċ" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, hija għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 16.2.2015 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Eks kap tad-dipartiment tal-ekonomija barranija fl-Uffiċċju tal-Kap tal-"Amministrazzjoni ta' Luhansk". | |
| 146. | Zaur Raufovich ISMAILOV<br>(Заур Рауфович ИСМАИЛОВ)<br>Zaur Raufovych ISMAYILOV<br>(Заур Рауфович ІСМАЇЛОВ | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 25.7.1978 (jew 23.3.1975)<br>Post tat-Twelid: Krasny Luch, Voroshilovgrad, reġjun ta' Luhansk, l-Ukrajna | Kien l-hekk imsejjaħ "Prosekutur Ġenerali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" (sa Ottubru 2017). Bħalissa jaġixxi bħala hekk imsejjaħ "Ministru għall-Ġustizzja" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 16.2.2015 |
| 147. | Anatoly Ivanovich ANTONOV<br>(Анатолий Иванович АНТОНОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid 15.5.1955<br>Post tat-Twelid: Omsk, il-Federazzjoni Russa | L-Eks Viċi Ministru għad-Difiża, u f'dik il-kapaċità, involut fl-appoġġ tal-iskjerament ta' truppi Russi fl-Ukrajna.<br>Skont l-istruttura attwali tal-Ministeru għad-Difiża Russu, f'dik il-kapaċità, huwa pparteċipa fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Gvern Russu. Dawn il-politiki jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Mit-28 ta' Diċembru 2016 'l hawn, Eks Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin.<br>Għandu pożizzjoni ta' Ambaxxatur fil-korpi diplomatiċi tal-Federazzjoni Russa. | 16.2.2015 |
| 148. | Arkady Viktorovich BAKHIN<br>(Аркадий Викторович БАХИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 8.5.1956<br>Post tat-Twelid: Kaunas, il-Litwanja | L-Ewwel Viċi Ministru tad-Difiża ta' qabel (sas-17 ta' Novembru 2015) u, f'dik il-kapaċità, kien involut fl-appoġġ tal-iskjerament ta' truppi Russi fl-Ukrajna.<br>Skont l-istruttura attwali tal-Ministeru għad-Difiża Russu, f'dik il-kapaċità, huwa jipparteċipa fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Gvern Russu. Dawn il-politiki jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Bħalissa jaħdmu ma' Rosatom. | 16.2.2015 |
| 149. | Andrei Valeryevich KARTAPOLOV<br>(Андрей Валерьевич КАРТАПОЛОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 9.11.1963<br>Post tat-twelid: l-eks Repubblika Demokratika tal-Ġermanja | Eks Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tal-Punent. Id-Direttur ta' qabel tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet Prinċipali u l-viċi kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Involut b'mod attiv fit-tiswir u l-implimentazzjoni tal-kampanja militari tal-forzi Russi fl-Ukrajna.<br>Skont l-attivitajiet iddikjarati tal-persunal ġenerali, fl-eżerċizzju tal-kontroll operazzjonali fuq il-forzi armati, huwa kien involut b'mod attiv fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Viċi Ministru għad-Difiża sa minn Lulju 2018. | 16.2.2015 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 151. | Valery Fedorovich RASHKIN<br>(Валерий Фёдорович РАШКИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 14.3.1955<br>Post tat-Twelid: Zhilino, reġjun ta' Kaliningrad, il-Federazzjoni Russa | L-Ewwel Viċi President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat dwar kwistjonijiet ta' Etniċità.<br>Huwa l-fondatur tal-moviment ċiviku 'Krassnaya Moskva - Red Moscow Patriotic Front Aid' li organizza dimostrazzjonijiet pubbliċi li jappoġġaw is-separatisti, u b'hekk appoġġa politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda — ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 16.2.2015 |
| 152. | Ruslan Ismailovich BALBEK<br>(Руслан Исмаилович БАЛЬБЕК) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 28.8.1977<br>Post tat-Twelid: Bekabad, l-Użbekistan SSR (issa l-Użbekistan) | Membru tad-Duma tal-Istat, eletta mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa illegalment.<br>Viċi President tal-Kumitat tad-Duma dwar affarijiet etniċi.<br>Fl-2014 Balbek inħatar Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" u ħadem f'din il-kapaċità għall-integrazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment fil-Federazzjoni Russa, li għaliha ġie ppremjat b'midalja "Għad-Difiża tar-Repubblika tal-Krimea". Huwa appoġġa l-annessjoni tal-Krimea fi stqarrijiet pubbliċi, inkluż fuq il-profil tiegħu fis-sit elettroniku tar-Russja Magħquda (fergħa tal-Krimea) u artiklu fl-istampa ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-NTV fit-3 ta' Lulju 2016. | 9.11.2016 |
| 153. | Konstantin Mikhailovich BAKHAREV<br>(Константин Михайлович БАХАРЕВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 20.10.1972<br>Post tat-Twelid: Simferopol, SSR tal-Ukrajna (issa l-Ukrajna) | Membru tad-Duma tal-Istat, eletta mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa illegalment.<br>Membru tal-Kumitat tad-Duma dwar il-Kontroll u r-Regolamentazzjoni.<br>F'Marzu 2014 Bakharev inħatar Viċi President tal-Kunsill tal-Istat tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea", u f'Awwissu 2014 bħala l-Ewwel Viċi President ta' dak il-korp. Huwa ammetta l-involviment personali tiegħu fil-ġrajjiet tal-2014 li wasslu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, li huwa appoġġa pubblikament, inkluż f'intervista ppubblikata fuq is-sit elettroniku gazetakrimea.ru fit-22 ta' Marzu 2016 u s-sit elettroniku c-pravada.ru fit-23 ta' Awwissu 2016. Huwa ġie ppremjat bl-ordni "Għal-lealtà għad-dmir" mill-"awtoritajiet" tar-"Repubblika tal-Krimea". | 9.11.2016 |
| 154. | Dmitry Anatolievich BELIK<br>(Дмитрий Анатольевич БЕЛИК) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 17.10.1969<br>Post tat-Twelid: Id-distrett Kular Yansky, id-Distrett ta' Yakut SSR awtonoma (issa l-Federazzjoni Russa) | Membru tad-Duma tal-Istat, elett mill-belt ta' Sevastopol li ġiet annessa illegalment.<br>Membru tal-Kumitat tad-Duma dwar il-Kontroll u r-Regolamentazzjoni.<br>Bħala membru tal-amministrazzjoni muniċipali ta' Sevastopol fi Frar-Marzu 2014 appoġġa l-attivitajiet tal-hekk imsejjaħ "Sindku tal-Poplu" Alexei Chaliy. Huwa pubblikament ammetta l-involviment tiegħu fil-ġrajjiet tal-2014 li wasslu għall- | 9.11.2016 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, li ddefenda pubblikament, inkluż fuq is-sit elettroniku personali tiegħu u f'intervista ppubblikata fil-21 ta' Frar 2016 fuq is-sit elettroniku nation-news.ru.<br>Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' "Mertu lejn il-Patrija — it-tieni grad". | |
| 155. | Andrei Dmitrievich KOZENKO<br>(Андрей Дмитриевич КОЗЕНКО) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 3.8.1981<br>Post tat-Twelid: Simferopol, SSR tal-Ukrajna (issa l-Ukrajna) | Membru tad-Duma tal-Istat, eletta mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa illegalment.<br>Membru tal-Kumitat tad-Duma dwar is-Swieq Finanzjarji.<br>F'Marzu 2014 Kozenko nħatar Viċi President tal-Kunsill tal-Istat tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Ammetta pubblikament l-involviment tiegħu fil-ġrajjiet tal-2014 li wasslu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, li huwa ddefenda pubblikament, inkluż f'intervista ppubblikata fis-sit elettroniku gazetakrimea.ru fit-12 ta' Marzu 2016. Għall-involviment tiegħu fil-proċess ta' annessjoni ġie ppremjat b'midalja "Għad-difiża tar-Repubblika tal-Krimea" mill-"awtoritajiet" lokali. | 9.11.2016 |
| 156. | Svetlana Borisovna SAVCHENKO<br>(Светлана Борисовна САВЧЕНКО) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 24.6.1965<br>Post tat-Twelid: Belogorsk, SSR tal-Ukrajna (issa l-Ukrajna) | Membru tad-Duma tal-Istat, eletta mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa illegalment.<br>Membru tal-Kumitat tad-Duma dwar il-Kultura.<br>Kienet membru tal-Kunsill Suprem tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" sa mill-2012 u minn Marzu 2014 appoġġat l-integrazzjoni tal-Krimea u Sevastopol li ġew annessi illegalment fil-Federazzjoni Russa. F'Settembru 2014 Savchenko ġiet eletta fil-Kunsill tal-Istat tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Hi ddefendiet l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol f'għadd ta' okkażjonijiet fi stqarrijiet pubbliċi, fosthom intervisti ppubblikati fuq is-sit elettroniku c-pravda.ru fit-2 ta' April 2016 u l-20 ta' Awwissu 2016. Hija ġiet ippremjata bl-ordni tal-Istat Russu "Għal servizzi lill-art tat-twelid"— grad II fl-2014 u bl-ordni "Għal-lealtà għad-dmir" mill-"awtoritajiet" tar-"Repubblika tal-Krimea" fl-2015. | 9.11.2016 |
| 157. | Pavel Valentinovich SHPEROV<br>(Павел Валентинович ШПЕРОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 4.7.1971<br>Post tat-Twelid: Simferopol, SSR tal-Ukrajna (issa l-Ukrajna) | Membru tad-Duma tal-Istat, eletta mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa illegalment.<br>Membru tal-Kumitat tad-Duma għall-Affarijiet tal-KSI, l-Integrazzjoni Ewro-Asjatika u Relazzjonijiet mal-Kompatrijotti.<br>F'Settembru 2014 Shperov ġie elett fil-Kunsill tal-Istat tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". | 9.11.2016 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Huwa pubblikament ammetta, inkluż f'intervista ppubblikata fuq is-sit elettroniku ldpr-rk.ru fit-3 ta' Settembru 2016, ir-rwol tiegħu fil-ġrajjiet tal-2014 li wasslu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol u b'mod partikolari r-rwol tiegħu fl-organizzazzjoni tar-referendum illegali dwar l-annessjoni illegali tal-peniżola. | |
| 158. | Andrey Vladimirovich CHEREZOV (TSCHERESOW)<br>(Андрей Владимирович ЧЕРЕЗОВ) | Sess: raġel<br>Il-Viċi Ministru tal-Enerġija tal-Federazzjoni Russa.<br>Data tat-twelid: 12.10.1967<br>Post tat-Twelid: Salair, Kemerovskaya Oblast, il-Federazzjoni Russa | Iġorr parti mir-responsabbiltà għad-deċiżjoni li jiġu ttrasferiti turbini tal-gass li kienu ġew ikkonsenjati minn Siemens Gas Turbine Technologies OOO lil OAO VO Technopromexport, biex jiġu installati fil-Krimea. Din id-deċiżjoni tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' provvista tal-enerġija indipendenti għall-Krimea u Sevastopol bħala mezz ta' appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukrajna, u tipperikola l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna. | 4.8.2017 |
| 159. | Evgeniy Petrovich GRABCHAK<br>(Евгений Петрович ГРАБЧАК) | Sess: raġel<br>Kap tad-Dipartiment fil-Ministeru għall-Enerġija tal-Federazzjoni Russa.<br>Data tat-twelid: 18.7.1981<br>Post tat-Twelid: Ust-Labinsk, Reġjun ta' Krasnodar, il-Federazzjoni Russa | Responsabbli fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija tal-Federazzjoni Russa għall-iżvilupp ta' proġetti elettro-enerġetiċi fil-Krimea. Dawn il-proġetti jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' provvista tal-enerġija indipendenti għall- Krimea u Sevastopol bħala mezz ta' appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukrajna, u jipperikolaw l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna. | 4.8.2017 |
| 161. | Dmitry Vladimirovich OVSYANNIKOV<br>(Дмитрий Владимирович ОВСЯННИКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 21.2.1977<br>Post tat-Twelid: Omsk, USSR (issa l-Federazzjoni Russa) | Eks "Gvernatur ta' Sevastopol" (sa Lulju 2019).<br>Ovsyannikov ġie elett bħala l-"Gvernatur ta' Sevastopol" fl-elezzjonijiet tal-10 ta' Settembru 2017 organizzati mill-Federazzjoni Russa fil-belt annessa illegalment ta' Sevastopol.<br>Fit-28 ta' Lulju 2016, il-President Putin ħatru bħala Aġent "Gvernatur ta' Sevastopol". F'din il-kapaċità, huwa ħadem għal aktar integrazzjoni tal-peniżola annessa illegalment tal-Krimea fi ħdan il-Federazzjoni Russa, u għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Fl-2017 għamel dikjarazzjonijiet pubbliċi b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol u fl-anniversarju tar-"referendum" illegali tal-Krimea. Huwa kkommemora l-veterani tal-hekk imsejħa "unitajiet ta' awtodifiża" li ffaċilitaw l-iskjerament ta' forzi Russi fil-peniżola tal-Krimea qabel ma saret l-annessjoni | 21.11.2017 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | illegali tagħha mill-Federazzjoni Russa, u appella biex Sevastopol issir il-Kapitali tan-Nofsinhar tal-Federazzjoni Russa.<br>Minn Ottubru 2019 ’l hawn Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa. | |
| 162. | Inna Nikolayevna GUZEYEVA<br>(Инна Николаевна ГУЗЕЕВА)<br>Inna Nikolayevna GUZEEVA<br>(Инна Николаевна ГУЗЕЕВА)<br>Inna Mykolayivna HUZIEIEVA<br>(Інна Миколаївна ГУЗЄЄВА)) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 20.5.1971<br>Post tat-Twelid: Il-Krimea, l-Ukrajna | Viċi President tal-Kummissjoni Elettorali tal-Krimea. F’din il-kapaċità hija ħadet sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta’ Marzu 2018 u l-elezzjonijiet reġjonali u lokali tat-8 ta’ Settembru fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment, u b’hekk appoġġat b’mod attiv u implimentat politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 14.5.2018 |
| 163. | Natalya Ivanovna BEZRUCHENKO /Natalia Ivanovna BEZRUCHENKO<br>(Наталья Ивановна БЕЗРУЧЕНКО)<br>Nataliya Ivanivna BEZRUCHENKO<br>(Наталія Іванівна БЕЗРУЧЕНКО) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 22.8.1979<br>Post tat-Twelid: Simferopol, il-Krimea, l-Ukrajna | Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali tal-Krimea. F’din il-kapaċità hija ħadet sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta’ Marzu 2018 u l-elezzjonijiet reġjonali u lokali tat-8 ta’ Settembru 2019 fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment, u b’hekk appoġġat b’mod attiv u implimentat politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 14.5.2018 |
| 165. | Miroslav Aleksandrovich POGORELOV<br>(Мирослав Александрович ПОГОРЕЛОВ)<br>Myroslav Oleksandrovych POHORIELOV<br>(Мирослав Олександрович ПОГОРЄЛОВ)) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 7.6.1968 | Eks Viċi President tal-Kummissjoni Elettorali ta’ Sevastopol (sa Mejju 2019). F’din il-kapaċità huwa ħa sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta’ Marzu 2018 fil-Krimea u Sevastopol, li ġew annessi illegalment, u b’hekk appoġġat b’mod attiv u implimentat politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 14.5.2018 |
| 166. | Anastasiya Nikolayevna KAPRANOVA<br>(Анастасия Николаевна КАПРАНОВА)<br>Anastasiya Mykolayivna KAPRANOVA<br>(Анастасія Миколаївна КАПРАНОВА) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 1964 (possibbilment: 21 ta’ April) | Eks Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali ta’ Sevastopol (sa Mejju 2019). F’din il-kapaċità hija ħadet sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta’ Marzu 2018 fil-Krimea u Sevastopol, li ġew annessi illegalment, u b’hekk appoġġat b’mod attiv u implimentat politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 14.5.2018 |
| 167. | Olga Valerievna POZDNYAKOVA/Olga Valeryevna POZDNYAKOVA<br>(Ольга Валерьевна ПОЗДНЯКОВА)<br>Olga Valeriyivna POZDNYAKOVA<br>(Ольга Валеріївна ПОЗДНЯКОВА) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 30.3.1982<br>Post tat-Twelid: Shakhty, Oblast ta’ Vologodsk, USSR (issa l-Federazzjoni Russa) | L-Eks “President” tal-“Kummissjoni Elettorali Ċentrali” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. F’din il-kapaċità, hija ħadet sehem fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħa “elezzjonijiet” tal-11 ta’ Novembru 2018 fl-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”, u b’hekk appoġġat u implimentat b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 10.12.2018 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Kap tad-Direttorat għall-Politika Domestika fl-amministrazzjoni tal-hekk imsejjaħ 'Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. | |
| 168. | Elena Valerievna KRAVCHENKO/Elena Valeryevna KRAVCHENKO<br>(Елена Валериевна КРАВЧЕНКО)<br>Olena Valeriyivna KRAVCHENKO<br>(Олена Валеріївна КРАВЧЕНКО) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 22.2.1983<br>Post tat-Twelid: Sverdlovsk (Ekaterinburg), USSR (issa l-Federazzjoni Russa) | "President" tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". F'din il-kapaċità, hija ħadet sehem fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħin "elezzjonijiet" tal-11 ta' Novembru 2018 fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u b'hekk appoġġat azzjonijiet u implimentat b'mod attiv politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna | 10.12.2018 |
| 169. | Leonid Ivanovich PASECHNIK<br>(Леонид Иванович ПАСЕЧНИК)<br>Leonid Ivanovych PASICHNYK<br>(Леонід Іванович ПАСІЧНИК)) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 15.3.1970<br>Post tat-Twelid: Voroshilovgrad, Luhansk, Voroshilovghrad Oblast, SSR tal-Ukrajna (issa l-Ukrajna) | "Mexxej elett" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa appoġġa u implimenta b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 10.12.2018 |
| 170. | Vladimir Anatolievich BIDYOVKA/Vladimir Anatolievich BIDEVKA<br>(Владимир Анатольевич БИДЁВКА)<br>Volodymyr Anatoliyovych BIDIOVKA<br>(Володимир Анатолійович БІДЬОВКА) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 7.3.1981<br>Post tat-Twelid: Makeevka, Oblast ta' Donetsk, l-Ukrajna | "President" tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa appoġġa u implimenta b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 10.12.2018 |
| 171. | Denis Nikolaevich MIROSHNICHENKO<br>(Денис Николаевич МИРОШНИЧЕНКО) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 8.12.1987<br>Post tat-Twelid: Luhansk, l-Ukrajna | "President" tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa appoġġa u implimenta b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 10.12.2018 |
| 172. | Aleksey Alekseevich NAYDENKO<br>(Алексей Алексеевич НАЙДЕНКО)<br>Oleksii Oleksiyovych NAYDENKO<br>(Олексій Олексійович НАЙДЕНКО) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 2.6.1980<br>Post tat-Twelid: Donetsk, l-Ukrajna | "Viċi President" tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". F'din il-kapaċità, hija ħadet sehem fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħin "elezzjonijiet" tal-11 ta' Novembru 2018 fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u b'hekk appoġġat azzjonijiet u implimentat b'mod attiv politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 10.12.2018 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 173. | Vladimir Yurievich VYSOTSKIY<br>(Владимир Юрьевич ВЫСОЦКИЙ)<br>Volodymyr Yuriyovych VYSOTSKYI<br>(Володимир Юрійович ВИСОЦЬКИЙ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 7.4.1985<br>Post tat-Twelid: Ir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea", l-Ukrajna | L-Eks "Segretarju" tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". F'din il-kapaċità, ħa sehem fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħin "elezzjonijiet" tal-11 ta' Novembru 2018 fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u b'hekk appoġġa azzjonijiet u implimentat b'mod attiv politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.<br>"Aġent Kap" tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 10.12.2018 |
| 174. | Maksim Aleksandrovich SVIDCHENKO<br>(Максим Александрович СВИДЧЕНКО)<br>Maksym Oleksandrovych SVIDCHENKO<br>(Максим Олександрович СВІДЧЕНКО) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 6.4.1978 | "Viċi President" tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". F'din il-kapaċità, ħa sehem fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħin "elezzjonijiet" tal-11 ta' Novembru 2018 fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u b'hekk appoġġa azzjonijiet u implimentat b'mod attiv politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. | 10.12.2018 |
| 175. | Ekaterina Vasilyevna TERESHCHENKO/Ekaterina Vasilievna TERESHCHENKO<br>(Екатерина Васильевна ТЕРЕЩЕНКО)<br>Kateryna Vasylivna TERESHCHENKO<br>(Катерина Василівна ТЕРЕЩЕНКО) | Sess: mara<br>Data tat-twelid: 31.5.1986 | "Segretarju" tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". F'din il-kapaċità, hija ħadet sehem fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħin "elezzjonijiet" tal-11 ta' Novembru 2018 fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u b'hekk appoġġat u implimentat b'mod attiv politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna | 10.12.2018 |
| 176. | Sergey Nikolayevich STANKEVICH<br>(Сергей Николаевич Станкевич) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 27.1.1963<br>Post tat-Twelid: Kaliningrad, il-Federazzjoni Russa | Kap tad-Direttorat għall-Fruntieri tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa għar-"Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Sevastopol", Kontrammirall. F'din il-kapaċità, huwa kien responsabbli għall-azzjonijiet tal-flotta navali tal-gwardja tal-kosta tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna fil-25 ta' Novembru 2018 għall-konsolidazzjoni tal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa li ma ppermettewx l-aċċess minn bastimenti Ukreni għall-kosta tagħhom fuq il-Baħar ta' Azov, u li b'hekk dgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna u dgħajfu s-sigurtà tal-Ukrajna billi ħarbtu l-movimenti u l-operabbiltà tal-bastimenti navali Ukreni.<br>Dawk l-azzjonijiet appoġġaw ukoll il-konsolidament tal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. | 15.3.2019 |
| 177. | Andrey Borisovich SHEIN<br>(Андрей Борисович ШЕИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 10.6.1971<br>Post tat-Twelid: Ivanovskaya Oblast, il-Federazzjoni Russa | Viċi Kap tad-Direttorat għall-Fruntieri - Kap tal-Unità tal-Gwardja tal-Kosta tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa għar-"Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Sevastopol." F'din il-kapaċità, huwa pparteċipa f'operazzjonijiet kontra bastimenti Ukreni u l-ekwipaġġ tagħhom waqt l-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna fil-25 ta' Novembru 2018 li ma ppermettewx l-aċċess minn | 15.3.2019 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | bastimenti Ukreni għall-kosta tagħhom fuq il-Baħar ta' Azov, u li b'hekk dgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna u dgħajfu s-sigurtà tal-Ukrajna billi ħarbtu l-movimenti u l-operabbiltà tal-bastimenti navali Ukreni.<br>Dawk l-azzjonijiet appoġġaw ukoll il-konsolidament tal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. | |
| 178. | Aleksey Mikhailovich SALYAEV/<br>Aleksey Mikhailovich SALYAYEV<br>Oleksii Mykhailovych SALIAIEV<br>(Алексей Михайлович САЛЯЕВ, Олексій Михайлович САЛЯЄВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 22.8.1978 jew 4.12.1975 | Uffiċjal kmandant tad-dgħajsa tal-pattulji tal-fruntieri "Don" (numru tar-reġistrazzjoni 353) tas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa. Huwa kellu l-kmand tal-bastiment li pparteċipa b'mod attiv f'azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa kontra bastimenti Ukreni u l-ekwipaġġ tagħhom fil-25 ta' Novembru 2018, u mexxa attakk fuq il-lanċa tal-irmonk estwarja, "Yany Kapu", tal-Flotta Navali Ukrena. Dawk l-azzjonijiet ma ppermettewx l-aċċess minn bastimenti Ukreni għall-kosta tagħhom fuq il-Baħar ta' Azov u b'hekk dgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna u dgħajfu s-sigurtà tal-Ukrajna billi ħarbtu l-movimenti u l-operabbiltà tal-bastimenti navali Ukreni.<br>Dawk l-azzjonijiet appoġġaw ukoll il-konsolidament tal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. | 15.3.2019 |
| 179. | Andrei Olegovich SHIPITSIN / SHYPITSIN<br>(Андрей Олегович ШИПИЦИН / Андрій Олегович ШИПІЦИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 25.12.1969<br>Post tat-Twelid: Astrakhan, il-Federazzjoni Russa | Uffiċjal kmandant tad-dgħajsa tal-pattulji tal-fruntieri "Izumrud" tas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa. Huwa kellu l-kmand tal-bastiment li pparteċipa b'mod attiv f'azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa kontra bastimenti Ukreni u l-ekwipaġġ tagħhom fil-25 ta' Novembru 2018 li ma ppermettewx l-aċċess minn bastimenti Ukreni għall-kosta tagħhom fuq il-Baħar ta' Azov, u li b'hekk dgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna u dgħajfu s-sigurtà tal-Ukrajna billi ħarbtu l-movimenti u l-operabbiltà tal-bastimenti navali Ukreni.<br>Dawk l-azzjonijiet appoġġaw ukoll il-konsolidament tal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. | 15.3.2019 |
| 181. | Ruslan Alexandrovich ROMASHKIN<br>(Руслан Александрович РОМАШКИН) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 15.6.1976<br>Post tat-Twelid: Ruzaevka, Mordovia (il-Federazzjoni Russa) | Kap tas-Servizz tal-Punt ta' Kontroll fir-"Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Sevastopol" tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol, kien responsabbli mill-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa kontra bastimenti Ukreni u l-ekwipaġġi tagħhom fil-25 ta' Novembru 2018 li ma ppermettewx l-aċċess minn bastimenti Ukreni għall-kosta tagħhom fuq il-Baħar ta' Azov, u li b'hekk dgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna u dgħajfu s-sigurtà tal-Ukrajna billi ħarbtu l-movimenti u l-operabbiltà tal-bastimenti navali Ukreni.<br>Dawk l-azzjonijiet appoġġaw ukoll il-konsolidament tal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. | 15.3.2019 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 182. | Sergey Alekseevich SHCHERBAKOV<br>(Сергей Алексеевич ЩЕРБАКОВ; Сергій Олексійович ЩЕРБАКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 2.11.1986 | Huwa kellu l-kmand tal-bastiment sottomarin "Suzdaets" tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed tal-Federazzjoni Russa li pparteċipa fl-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa kontra bastimenti Ukreni u l-ekwipaġġi tagħhom fil-25 ta' Novembru 2018, u pparteċipa b'mod attiv fl-imblokk tal-lanċa tal-irmonk "Yany Kapu" u l-qbid tal-gunboat armata "Nikopol". Dawk l-azzjonijiet ma ppermettewx l-aċċess minn bastimenti Ukreni għall-kosta tagħhom fuq il-Baħar ta' Azov u b'hekk dgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna u dgħajfu s-sigurtà tal-Ukrajna billi ħarbtu l-movimenti u l-operabbiltà tal-bastimenti navali Ukreni.<br>Dawk l-azzjonijiet appoġġaw ukoll il-konsolidament tal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. | 15.3.2019 |

**Entitajiet**

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "1. | Intrapriża Unitarja Statali tar-"Repubblika tal-Krimea""Chernomorneftegaz"<br>(qabel magħrufa bħala PJSC Chernomorneftegaz) | Prospekt Kirov 52, Simferopol, il-Krimea, l-Ukrajna 295000<br>пр.Кирова 52, г. пр.Кирова52, г. Симферополь, Крым, Украина 295000<br>Nru tat-telefon:<br>+7 (3652) 66-70-00<br>+7 (3652) 66-78-00<br>office@gas.crimea.ru | Fis-17.3.2014 il-"Parlament tal-Krimea" adotta riżoluzzjoni li tiddikjara l-approprjazzjoni tal-assi li jappartjenu għall-intrapriża Chernomorneftegaz f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. Irreġistrata mill-ġdid fid-29.11.2014 bħala l-Intrapriża Unitarja Statali tar-"Repubblika tal-Krimea""Chernomorneftegaz" (Государственное унитарное предприятие Республики Крым "Черноморнефтегаз"). Fundatur: Il-Ministeru għall-Fjuwil u l-Enerġija tar-"Repubblika tal-Krimea" (Министерство топлива и энергетики Республики Крым). | 12.5.2014 |
| 5. | L-hekk imsejjaħ "Stat Federali ta' Novorossiya"<br>"Федеративное государство Новороссия"<br>"Federativnoye Gosudarstvo Novorossiya" | Riżorsi tal-media:<br>http://novopressa.ru/<br>http://novorossia-tv.ru/<br>http://novorossia.today/<br>http://novorossiia.ru/<br>https://www.novorosinform.org/ | Fl-24 ta' Mejju 2014, l-hekk imsejħin "Repubbliki tal-Poplu" ta' Donetsk u Luhansk iffirmaw ftehim dwar il-ħolqien tal-hekk imsejjaħ "Stat Federali ta' Novorossiya" li mhux rikonoxxut.<br>Dan huwa bi ksur tal-liġi kostituzzjonali Ukrena, u, bħala konsegwenza, tad-dritt internazzjonali, u għaldaqstant jipperikola l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 6. | Unjoni Internazzjonali ta' Assoċjazzjonijiet Pubbliċi "Great Don Army"<br>Международный Союз Общественных Объединений "Всевеликое Войско Донское" | Informazzjoni uffiċjali:<br>http://xn–80aaaajfjszd7a3b0e.xn–p1ai/<br>http://казакнацгвард.рф/<br>Nru tat-telefon:<br>+7-8-908-178-65-57<br>Media soċjali: Gwardja Nazzjonali Kosakka http://vk.com/kazak_nac_guard<br>Indirizz: 346465 il-Federazzjoni Russa, ir-Reġjun ta' Rostov, id-Distrett ta' October, St Zaplavskaya, Str Shosseynaya 1<br>It-tieni indirizz: Voroshilkovskiy Prospekt 12/85–87/13, Rostov-on-Don, il-Federazzjoni Russa<br>Dereġistrat fl-2017. | Il-"Great Don Army" stabbilixxiet il-"Gwardja Nazzjonali Kosakka", responsabbli għall-ġlied kontra l-forzi tal-Gvern Ukren fl-Ukrajna tal-Lvant, u għaldaqstant ipperikolat l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna kif ukoll heddet l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.<br>Assoċjata mas-Sur Nikolay Kozitsyn, li huwa Kmandant tal-forzi Kosakki u responsabbli għat-tmexxija tas-separatisti fl-Ukrajna tal-Lvant li qed jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukren. | 25.7.2014 |
| 7. | "Sobol"<br>"СОБОЛЬ" | Informazzjoni uffiċjali:<br>http://soboli.net<br>Media soċjali:<br>http://vk.com/sobolipress<br>http://www.русскоедвижение.рф/<br>Nru tat-telefon:<br>(0652) 60-23-93<br>Indirizz elettroniku: SoboliPress@gmail.com<br>Indirizz: l-Ukrajna, il-Krimea, Simferopol, Triq Kiev, 4 (area bus station "Central"). | Organizzazzjoni paramilitari radikali, responsabbli għall-appoġġ bla ħabi tal-użu tal-forza biex jintemm il-kontroll tal-Ukrajna fuq il-Krimea, u għaldaqstant tipperikola l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Responsabbli għat-taħriġ ta' separatisti biex jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukren fil-Lvant tal-Ukrajna, u għaldaqstant thedded l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |
| 8. | L-hekk imsejħa "Gwardja ta' Luhansk"<br>"Луганская гвардия" | Media soċjali u informazzjoni oħra:<br>https://vk.com/luguard | Milizzja għall-awtodifiża ta' Luhansk, responsabbli għat-taħriġ ta' separatisti biex jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukren fl-Ukrajna tal-Lvant, u għaldaqstant jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | http://vk.com/club68692201<br>https://vk.com/luguardnews | Assoċjata mas-Sur German PROKOPIV, mexxej attiv li huwa responsabbli li ħa parti fit-teħid tal-bini tal-uffiċċju reġjonali ta' Luhansk tas-Servizz tas-Sigurtà Ukren u rreġistra filmat b'dikjarazzjoni lill-President Putin u r-Russja mill-bini okkupat. | |
| 16. | Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali "Sanatorium Nizhnyaya Oreanda" tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (qabel magħrufa bħala ċ-Ċentru "Nizhnyaya Oreanda" Санаторий "Нижняя Ореанда") | Iċ-ċentru "Nizhnyaya Oreanda", 298658, Yalta, Oreanda, House 12, l-Ukrajna<br>Санаторий 'Нижняя Ореанда', 298658, г. Ялта, пгт. Ореанда, дом 12, Украина<br>marketing@oreanda-resort.ru<br>+7 (3654) 31-25-48 | Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Fil-21 ta' Marzu 2014 l-"Presidju tal-Parlament tal-Krimea" adotta deċiżjoni "Dwar il-kwistjonijiet tal-ħolqien ta' Assoċjazzjoni ta' sanatorji u ċentri" Nru 1767-6/14 li tiddikjara l-approprjazzjoni tal-assi li jappartjenu liċ-ċentru "Nizhnyaya Oreanda" f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. Irreġistrata mill-ġdid fid-9 ta' Ottubru 2014 bħala Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali "Sanatorium Nizhnyaya Oreanda" tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (ФЕДЕРАЛЬНОЕ ГОСУДАРСТВЕННОЕ БЮДЖЕТНОЕ УЧРЕЖДЕНИЕ "САНАТОРИЙ 'НИЖНЯЯ ОРЕАНДА' УПРАВЛЕНИЯ ДЕЛАМИ ПРЕЗИДЕНТА РОССИЙСКОЙ ФЕДЕРАЦИИ"). Fundatur: L-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (УПРАВЛЕНИЯ ДЕЛАМИ ПРЕЗИДЕНТА РОССИЙСКОЙ ФЕДЕРАЦИИ). | 25.7.2014 |
| 17. | Intrapriża tar-Repubblika tal-Krimea "Azov distillery plant"<br>Крымское республиканское предприятие "Азовский ликёро-водочнний завод"<br>Azovsky likerovodochny zavod | Triq Zheleznodorozhnaya 40, 296178 Azovskoye, distrett ta' Jankoysky, l-Ukrajna<br>ул. Железнодорожная, 40, 296178 пгт. Азовское, Джанкойский район, Украина<br>kodiċi: 01271681 | Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kuntrarjament għal-liġi Ukrena. Fid-9 ta' April 2014 il-"Presidju tal-Parlament tal-Krimea" adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14 "Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea" tas-26 ta' Marzu 2014 Nru 1836-6/14 "Dwar in-nazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agroindustrijali, li jinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Krimea" li tiddikjara l-approprjazzjoni ta' assi li jappartjenu lil "Azovsky likerovodochny zavod" f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea.<br>Għaddejjin proċedimenti ta' falliment. | 25.7.2014 |
| 19. | Istituzzjoni tal-baġit tal-Istat Federali għax-xjenza u r-riċerka "Istituzzjoni nazzjonali ta' riċerka xjentifika tar-Russja għall-vitikultura u l-produzzjoni tal-inbid l-Akkademja tax-Xjenzi Russa 'Magarach'"<br>Федеральное государственное бюджетное учреждение науки "Всероссийский национальный научно-исследовательский институт виноградарства и виноделия 'Магарач' РАН" | 298600, Triq Kirov, 31, Yalta, Krimea, l-Ukrajna<br>298600, ул. Кирова, 31, г. Ялта, Крым, Украина<br>magarach@rambler.ru | Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Fid-9 ta' April 2014 il-"Presidju tal-Parlament tal-Krimea" adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14 "Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea" tas-26 ta' Marzu 2014 Nru 1836-6/14 "Dwar in-nazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agroindustrijali, li jinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Krimea" li tiddikjara l-approprjazzjoni ta' assi li jappartjenu lill-entità statali "Gosudarstvenoye predpriyatiye Agrofirma 'Magarach' nacionalnogo instituta vinograda i vina 'Magarach'" f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill- | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | (Qabel magħrufa bħala Intrapriża Unitarja Statali tar-"Repubblika tal-Krimea" l-"Istitut Nazzjonali tal-Inbid 'Magarach'"<br><br>Qabel magħrufa bħala: "Intrapriża statali 'Magarach' tal-istitut nazzjonali tal-inbid"<br><br>Государственное предприятие Агрофирма "Магарач" Национального института винограда и вина "Магарач"<br><br>Gosudarstvenoye predpriyatiye "Agrofirma Magarach" nacionalnogo instituta vinograda i vina "Magarach") | | "awtoritajiet" tal-Krimea. Irreġistrat mill-ġdid fil-15 ta' Jannar 2015 bħala Istituzzjoni Unitarja Statali tar-"Repubblika tal-Krimea" l-"Istitut Nazzjonali tal-Inbid 'Magarach'" (Государственное бюджетное учреждение Республики Крым 'Национальный научно-исследовательский институт винограда и вина "Магарач"'). Fundatur: Il-Ministeru għall-Biedja tar-"Repubblika tal-Krimea" (Министерство сельского хозяйства Республики Крым).<br><br>Fis-7 ta' Frar 2017 l-Intrapriża Unitarja Statali tal-Istitut Nazzjonali tal-Inbid "Magarach" tar-"Repubblika tal-Krimea" ġie ttrasformat f'faċilità xjentifika Baġitarja Federali "Istituzzjoni nazzjonali ta' riċerka xjentifika Russa għall-vitikultura u l-produzzjoni tal-inbid 'Magarach', Akkademja Russa tax-Xjenzi. | |
| 25. | Paċi għar-Reġjun ta' Luhansk (Mir Luganschine) Мир Луганщине | https://mir-lug.info/<br>Indirizz: Triq Karl Marx 7, Luhansk, l-Ukrajna,<br><br>улица Карла Маркса, 7, г. Луганск, Украина<br><br>info@mir-lug.info | "Organizzazzjoni" pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" fit-2 ta' Novembru 2014 u l-11 ta' Novembru 2018. Dawn l-"elezzjonijiet" huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali.<br><br>Bil-parteċipazzjoni formali fl-"elezzjonijiet" illegali hija għalhekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u sabiex tkompli tiġi ddestabbilizzata l-Ukrajna. | 29.11.2014 |
| 32. | Battaljun Zarya<br>Батальон "Заря" | https://vk.com/public73385255 | Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.<br><br>Allegatament parti mill-hekk imsejjaħ "Tieni Korp tal-Armata" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". | 16.2.2015 |
| 35. | Battaljun Kalmius<br>Батальон "Кальмиус" | | Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.<br><br>Imsejjaħ ukoll il-Brigata tal-Gwardja tal-Artillerija Separata (unità 08802), parti mill-hekk imsejjaħ "L-ewwel Korp tal-Armata" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 16.2.2015" |